



30.10.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2018/0436 – C8-0253/2018 – 2018/0225(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Elsi Katainen

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Programm Orizzont Ewropa mill-Kummissjoni u ż-żieda fil-finanzjament speċjalment għall-innovazzjonijiet tal-Ikel u r-Riżorsi Naturali. Il-Programm Orizzont Ewropa huwa element ewlieni sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE fuq livell globali u jiġi appoġġjat it-tkabbir ekonomiku tal-UE. Orizzont Ewropa, li l-għan tiegħu huwa li jappoġġja skoperti xjentifiċi u prodotti u servizzi innovattivi, se jgħin lill-Ewropa tindirizza l-isfidi attwali, bħat-tibdil fil-klima, u fl-istess ħin joħloq opportunitajiet ta' negozju.

Il-finanzjament allokat ta' EUR 10 biljun huwa meħtieġ ħafna sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU bħal SG 2 - Daqshekk Ġuħ. Ir-rapporteur tinsisti li, tal-inqas, il-finanzjament għandu jinżamm fil-livell propost ta' EUR 10 biljun. Madankollu, jekk il-baġit globali ta' Orizzont Ewropa jiżdied, il-finanzjament tar-raggruppament tal-Ikel u r-Riżorsi Naturali għandu jiżdied b'mod proporzjonali.

Ir-rapporteur temmen li l-Kumitat AGRI jista' joffri l-aktar kontribut siewi fir-rigward tal-ħames raggruppament "Ikel u Riżorsi Naturali", li jindirizza speċifikament kwistjonijiet relatati mal-agrikoltura. Għalhekk, ir-rapporteur tixtieq tipproponi li tiżdied il-kelma "agrikoltura" mat-titolu. Ir-rapporteur tixtieq tfakkar li r-raggruppamenti tat-tieni pilastru "Sfidi globali u Kompetittività industrijali" mhumiex separati iżda kollha kemm huma jikkontribwixxu għall-oqsma speċifiċi ta' xulxin. Barra minn hekk, ir-rapporteur tissottolinja l-importanza tar-riċerka bażika ffinanzjata taħt l-ewwel pilastru "Xjenza Miftuħa" peress li din taqdi wkoll rwol importanti fil-proċess li jinħolqu innovazzjonijiet għall-ekonomija bjoċirkolari, li hija pass 'il quddiem mill-ekonomija ċirkolari.

Is-seba' oqsma speċifikati ta' kontribut fil-ħames raggruppament ikopru l-elementi ewlenin li jikkontribwixxu għall-innovazzjonijiet fir-rigward tal-ikel u r-riżorsi naturali. Ir-rapporteur xorta waħda tixtieq tfakkar li jekk il-kamp ta' applikazzjoni jiġi limitat biss għall-baħar u għall-oċeani kif propost fir-rigward tal-qasam Nru 4, dan iħalli l-ilma ħelu barra mill-kamp ta' applikazzjoni. Ir-rapporteur tixtieq iżżid l-ilma ħelu fil-kuntest, peress li dan huwa parti importanti mit-territorju akkwatiku. Ir-rapporteur tilqa' l-inklużjoni tal-forestrija fl-oqsma ta' intervent, peress li l-forestrija hija eżempju tajjeb ħafna tal-promozzjoni tal-ekonomija bjoċirkolari.

Ippjanar Strateġiku pluriennali, li fih trid titqies is-sinerġija ma' programmi oħra tal-UE, se jiżgura l-implimentazzjoni tal-oġġettivi fil-livell tal-programm ta' Orizzont Ewropa b'mod integrat. Ir-rapporteur tqis li huwa ta' importanza kruċjali li s-sinerġiji jiġu ggarantiti u, pereżempju, fil-ħames raggruppament jenħtieġ li jiġu inklużi l-oġġettivi speċifiċi tal-Politika Agrikola Komuni. Hija xorta waħda tixtieq tissottolinja li minkejja li l-oġġettivi jenħtieġ li jiġu armonizzati, il-baġits allokat i jenħtieġ li jibqgħu separati bejn programmi ta' politika differenti.

Ir-rapporteur tixtieq tipproponi missjoni għat-tieni pilastru. Il-missjoni proposta hija "Sistemi tal-ikel mingħajr karbonju, reżiljenti, nutrittivi u b'zero skart sal-2035". Din il-missjoni tista' tiġi appoġġjata minn raggruppamenti oħra u għandha potenzjal kbir ta' spin off biex toħloq innovazzjonijiet f'diversi setturi. L-Ewropa jeħtieġ li ssib modi alternattivi sabiex tagħmel bidla lejn agrikoltura adattata għat-tibdil fil-klima u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali. Element ewlieni huwa li jitnaqqas l-iskart u eventwalment jinqata' għalkollox u li jintużaw

b'mod effiċjenti l-kurrenti laterali u l-iskart mill-ktajjen tal-produzzjoni industrijali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Billi jirrifletti l-importanza li jindirizza t-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm Speċifiku se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi u għall-kisba ta' mira kumplessiva ta' 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-għanijiet klimatiċi. L-azzjonijiet skont dan il-Programm Speċifiku huma mistennija li jikkontribwixxu għal 35 % tal-pakkett finanzjarju globali tal-Programm Speċifiku għall-għanijiet klimatiċi. Se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku, u jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet rilevanti u l-proċessi ta' *reviżjoni*.

Emenda

(5) Billi jirrifletti l-importanza li jindirizza t-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm Speċifiku se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi u għall-kisba ta' mira kumplessiva ta' 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-għanijiet klimatiċi. L-azzjonijiet skont dan il-Programm Speċifiku huma mistennija li jikkontribwixxu għal 35 % tal-pakkett finanzjarju globali tal-Programm Speċifiku għall-għanijiet klimatiċi. Se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, ***f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u mas-soċjetà ċivili***, matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku, u jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet rilevanti u l-proċessi ta' *rieżami*.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-azzjonijiet tal-Programm

Emenda

(6) L-azzjonijiet tal-Programm

Speċifiku jenħtieġ li jintużaw biex jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq **jew sitwazzjonijiet tal-investment** subottimali, **f'mod** proporzjonat, mingħajr duplikazzjoni jew esklużjoni ta' finanzjament privat u li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

Speċifiku jenħtieġ li jintużaw biex jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq, **b'mod partikolari permezz tar-R&I li tindirizza l-isfidi soċjoekonomiċi li jsofru minn investment** subottimali, **b'mod** proporzjonat **għat-tixrid tal-informazzjoni rigward opportunitajiet ta' finanzjament** mingħajr duplikazzjoni jew esklużjoni ta' finanzjament privat u li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Billi jirriflettu l-kontribuzzjoni importanti li r-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jagħmlu biex jindirizzaw l-isfidi fl-ikel, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-bijoekonomija, u biex jisfruttaw l-opportunitajiet korrispondenti tar-riċerka u l-innovazzjoni b'sinerġija **mill-qirb** mal-Politika Agrikola Komuni, l-azzjonijiet rilevanti skont il-Programm Speċifiku se jiġu appoġġati **minn EUR** 10 biljun għar-raggruppament "Ikel u Riżorsi Naturali" għall-perjodu 2021-2027.

Emenda

(7) Billi jirriflettu l-kontribuzzjoni importanti li r-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jagħmlu biex jindirizzaw l-isfidi fl-ikel, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-bijoekonomija, u biex jisfruttaw l-opportunitajiet korrispondenti tar-riċerka u l-innovazzjoni **u l-metodi tal-implimentazzjoni fis-settur agrikolu** b'sinerġija **mill-qrib** mal-Politika Agrikola Komuni, l-azzjonijiet rilevanti skont il-Programm Speċifiku se jiġu appoġġati **mill-EUR** 10 biljun **dedikati** għar-raggruppament "Ikel u Riżorsi Naturali" għall-perjodu 2021-2027. **Jinnota li l-biedja ta' preċiżjoni hija għodda importanti fiż-żieda tar-rendimenti u l-produttività filwaqt li toħloq futur sostenibbli għall-biedja.**

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) It-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali u l-opportunitajiet li qed jikbru mill-

Emenda

(8) It-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali u l-opportunitajiet li qed jikbru mill-

konverġenza tat-teknoloġġi diġitali u fiżiċi tirrikjedi żieda fl-investimenti. Orizzont Ewropa se jikkontribwixxi għal dawn l-isforzi b'żieda sostanzjali ta' nfiq fl-attivitajiet diġitali ewlenin tar-riċerka u l-innovazzjoni meta mqabbla mal-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁶. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Ewropa tibqa' fuq quddiem nett tar-riċerka u l-innovazzjoni globali fil-qasam diġitali.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropa li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020" tidentifika EUR 13-il biljun minfuqa fuq attivitajiet diġitali prinċipali skont il-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52018DC0098>).

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

konverġenza tat-teknoloġġi diġitali u fiżiċi tirrikjedi żieda fl-investimenti ***u aċċess akbar għall-programmi ta' finanzjament permezz ta' komunikazzjoni aħjar.***

Orizzont Ewropa se jikkontribwixxi għal dawn l-isforzi b'żieda sostanzjali ta' nfiq fl-attivitajiet diġitali ewlenin tar-riċerka u l-innovazzjoni meta mqabbla mal-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁶. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Ewropa tibqa' fuq quddiem nett tar-riċerka u l-innovazzjoni globali fil-qasam diġitali.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropa li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020" tidentifika EUR 13-il biljun minfuqa fuq attivitajiet diġitali prinċipali skont il-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52018DC0098>).

Emenda

(9a) Il-Programm Speċifiku jenħtieġ li jimmira li jżid il-livell ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u tas-soċjetà ċivili matul il-Programm kollu, inkluż fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fil-komunikazzjoni tal-aġenda tar-riċerka.

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) **rinforz** u tifrix tal-eċċellenza;

Emenda

- (a) **tisħiħ tal-bażi xjentifika tal-Ewropa u rinforz** u tifrix tal-eċċellenza;

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) konnessjoni u **żvilupp tal-infrastrutturi** tar-riċerka madwar iż-żona tar-riċerka Ewropea;

Emenda

- (c) konnessjoni, **żvilupp** u **ffaċilitar ta' aċċess wiesa' għall-infrastrutturi** tar-riċerka madwar iż-żona **kollha** tar-riċerka Ewropea;

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

- (i) rinforz tar-rabta bejn ir-riċerka u **l-innovazzjoni** u politiki oħrajn, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

Emenda

- (i) rinforz tar-rabta bejn ir-riċerka, **l-innovazzjoni** u **l-edukazzjoni**, u politiki oħrajn, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

- (k) involviment taċ-ċittadini u tal-utenti aħħarin fil-proċessi tal-kodisinn u **tal-koħolqien**;

Emenda

- (k) involviment **b'mod effettiv** taċ-ċittadini, **tal-partijiet ikkonċernati rilevanti** u tal-utenti aħħarin fil-proċessi tal-kodisinn u **tal-kokreazzjoni, biex b'hekk jiġi rinfurzat l-approċċ b'bosta atturi**;

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(l) titjib **tal-komunikazzjoni** tax-xjenza;

Emenda

(l) titjib **fil-komunikazzjoni** tax-xjenza **u opportunitajiet ta' finanzjament bil-ħsieb li jiġi promoss l-għarfien soċjali u politiku dwar il-potenzjal tal-għodod u t-teknoloġiji emerġenti promettenti .**

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) titjib tal-ħiliet għall-innovazzjoni;

Emenda

(n) titjib tal-ħiliet **għar-riċerka u** għall-innovazzjoni;

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) raggruppament "Ikel u Riżorsi Naturali", kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru II, it-taqsima 5;

Emenda

(e) raggruppament "Ikel, **Agrikoltura** u Riżorsi Naturali", kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru II, it-taqsima 5;

(Il-bidla minn "raggruppament Ikel u Riżorsi Naturali" għal "raggruppament Ikel, Agrikoltura u Riżorsi Naturali" Food and Natural Resources" tapplika fit-test kollu.)

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għal kull missjoni, jista' jiġi

Emenda

1. Għal kull missjoni, jista' jiġi

stabbilit bord ta' missjoni. Għandu jkun magħmul minn **madwar 15-il** individwu ta' livell għoli **inkluż rappreżentati** tal-utenti **aħħarin rilevanti**. Il-bord ta' missjoni għandu jagħti pariri dwar li ġej:

stabbilit bord ta' missjoni. **Dan** għandu jkun magħmul minn **10 sa 20** individwu ta' livell għoli **li jinkludu rappreżentanti rilevanti tas-soċjetà ċivili u** tal-utenti **finali, partijiet ikkonċernati u esperti akkademiċi minn dixxiplini differenti, li għandhom l-għarfien tas-suġġett li li jkun se jiġi kkunsidrat mill-missjoni. Kull bord ta' missjoni għandu jiġi stabbilit wara sejħa miftuħa għan-nominazzjonijiet jew għall-espressjonijiet ta' interess**. Il-bord ta' missjoni għandu jagħti pariri dwar li ġej:

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Bord tal-EIC għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu ta' livell għoli magħżula minn partijiet diversi tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, **inkluż** imprendituri, mexxejja korporattivi, investituri u riċerkaturi. Għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, fejn il-membri tal-Bord tal-EIC jistinkaw biex itejbu l-prestiġju tal-isem EIC.

Emenda

Il-Bord tal-EIC għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu ta' livell għoli magħżula minn partijiet diversi tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, **inklużi** imprendituri, mexxejja korporattivi, investituri, **esperti akkademiċi** u riċerkaturi. Għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, fejn il-membri tal-Bord tal-EIC jistinkaw biex itejbu l-prestiġju tal-isem EIC.

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Ippjanar Strateġiku se jippromwovi involviment **b'saħħtu** maċ-ċittadini u **l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà** ċivili fl-istadji kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-koħolqien tal-għarfien, il-promozzjoni effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, **inkluż** l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi f'kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni, u se jiżgura u jippromwovi **l-**

Emenda

L-Ippjanar Strateġiku se jippromwovi involviment **qawwi** maċ-ċittadini u **s-soċjetà** ċivili **kemm fi ħdan il-proċess tal-Ippjanar Strateġiku nnifsu kif ukoll** fl-istadji **l-oħrajn** kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni, **inkluż it-tfassil tal-aġenda. Sabiex dan jiġi ffaċilitat, se jiġi stabbilit djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili. Il-proċess se jippromwovi wkoll** il-koħolqien

konformità mal-ogħla standards tal-etika u l-integrità.

tal-għarfien, il-promozzjoni effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, **inkluża** l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi f'kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni, u se jiżgura u jippromwovi **r-Riċerka u l-Innovazzjoni Responsabbli u l-aderenza** mal-ogħla standards tal-etika u l-integrità.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Se jinkludi konsultazzjonijiet u skambji estensivi mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew **kif xieraq**, u ma' diversi partijiet ikkonċernati dwar il-prijoritajiet, **inkluż il-missjonijiet**, skont il-pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali", u t-tipi adattati ta' azzjoni fl-użu, b'mod partikolari sħubiji Ewropej.

Emenda

Se jinkludi konsultazzjonijiet u skambji estensivi mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, u ma' diversi partijiet ikkonċernati dwar il-prijoritajiet, **inklużi l-missjonijiet**, skont il-pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali", u t-tipi adattati ta' azzjoni fl-użu, b'mod partikolari sħubiji Ewropej. **Tali konsultazzjonijiet għandhom jippromwovu skambji mas-settur privat sabiex iservu ta' lieva aħjar għall-parteċipazzjoni u l-investimenti tiegħu, u dan jgħin biex jiġu pprovduti innovazzjonijiet b'potenzjal ta' sfruttament.**

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni

Se jkun hemm appoġġ xieraq **għall-mekkaniżmi** biex jikkomunikaw **il-programm** lill-applikanti potenzjali (eż. Punti ta' Kuntatt Nazzjonali).

Emenda

Se jkun hemm appoġġ xieraq biex **il-mekkaniżmi** jikkomunikaw **il-programm** lill-applikanti **u ċ-ċittadini** potenzjali **permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u inizzjattivi oħra ta' promozzjoni** (eż. Punti ta' Kuntatt Nazzjonali).

Emenda 18

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 16**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni se timplimenta wkoll attivitajiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni marbutin ma' Orizzont Ewropa, sabiex tippromwovi l-fatt li r-riżultati nkisbu bl-appoġġ ta' finanzjament tal-UE. Dawn se jaħdmu wkoll biex irawmu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-impatt u r-rilevanza usa' tar-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjati mill-UE, permezz ta' pereżempju, publikazzjonijiet, relazzjonijiet mal-midja, avvenimenti, repożitorji tal-għarfien, bażijiet ta' data, pjattaformi multikanali, siti web jew użu mmirat tal-midja soċjali. Orizzont Ewropa se jipprovdi wkoll appoġġ lill-benefiċjarji biex jikkomunikaw il-ħidma tagħhom u l-impatt tagħha fuq is-soċjetà inġenerali.

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-riċerka ffinanzjata mill-ERC hija mistennija li twassal għal avvanzi fil-fruntieri tal-għarfien, b'pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-ogħla kwalità, għal riżultati tar-riċerka b'impatt potenzjali soċjetali u ekonomiku għoli u bl-ERC jistabbilixxi mira ċara u ta' ispirazzjoni għar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien madwar l-UE, l-Ewropa u f'livell internazzjonali. Bil-għan li jagħmel l-UE ambjent aktar attraenti għall-aqwa xjenzati tad-dinja, l-ERC se jimmira li jilħaq titjib li jista' jitkejjel fis-sehem tal-UE tal-1 % tal-aktar publikazzjonijiet ċitati fid-dinja, u se jimmira lejn żieda sostanzjali fl-għadd ta' riċerkaturi eċċellenti li jiffinanzja minn

Emenda

Il-Kummissjoni se timplimenta wkoll attivitajiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni marbutin ma' Orizzont Ewropa, sabiex tippromwovi ***l-finanzjament eżistenti*** u l-fatt li r-riżultati nkisbu bl-appoġġ ta' finanzjament tal-UE. Dawn se jaħdmu wkoll biex irawmu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-impatt u r-rilevanza usa' tar-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjati mill-UE, permezz ta' pereżempju, publikazzjonijiet, relazzjonijiet mal-midja, avvenimenti, repożitorji tal-għarfien, bażijiet ta' data, pjattaformi multikanali, siti web jew użu mmirat tal-midja soċjali. Orizzont Ewropa se jipprovdi wkoll appoġġ lill-benefiċjarji biex jikkomunikaw il-ħidma tagħhom u l-impatt tagħha fuq is-soċjetà inġenerali.

Emenda

Ir-riċerka ffinanzjata mill-ERC hija mistennija li twassal għal avvanzi fil-fruntieri tal-għarfien, b'pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-ogħla kwalità, għal riżultati tar-riċerka b'impatt potenzjali soċjetali u ekonomiku għoli u bl-ERC jistabbilixxi mira ċara u ta' ispirazzjoni għar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien madwar l-UE, l-Ewropa u f'livell internazzjonali. Bil-għan li jagħmel l-UE ambjent aktar attraenti għall-aqwa xjenzati tad-dinja, l-ERC se jimmira li jilħaq titjib li jista' jitkejjel fis-sehem tal-UE tal-1 % tal-aktar publikazzjonijiet ċitati fid-dinja, u se jimmira lejn żieda sostanzjali fl-għadd ta' riċerkaturi eċċellenti li jiffinanzja minn

barra l-Ewropa. Il-finanzjament tal-ERC għandu jingħata skont il-prinċipji stabbiliti sew li ġejjin. L-eċċellenza xjentifika għandha tkun l-uniku kriterju li fuqu l-ERC jagħti l-għotjiet tiegħu. L-ERC għandu jopera fuq bażi minn isfel għal fuq mingħajr prijoritajiet determinati minn qabel.

barra l-Ewropa. Il-finanzjament tal-ERC għandu jingħata skont il-prinċipji stabbiliti sew li ġejjin. L-eċċellenza xjentifika għandha tkun l-uniku kriterju li fuqu l-ERC jagħti l-għotjiet tiegħu. L-ERC għandu jopera fuq bażi minn isfel għal fuq mingħajr prijoritajiet determinati minn qabel. ***Għandu jkun hemm bilanċ bejn ir-riċerka u l-iżvilupp fundamentali, applikati u transnazzjonali biex jiġi żgurat li l-iskoperti ġodda jiġu tradotti b'mod effiċjenti u rapidu f'teknoloġiji u prodotti kummerċjali reali;***

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 4 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej permezz tat-tfassil ta' infrastrutturi tar-riċerka; Il-fażi ta' tħejjija u implimentazzjoni tagħhom, l-operat fil-fażi bikrija tagħhom b'kumplimentarjetà mal-fondi reġjonali, kif ukoll il-konsolidazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-ekosistema tal-infrastruttura tar-riċerka permezz tal-monitoraġġ ta' stadji kritiċi ta' ESFRI u l-iffaċilitar ta' ftehimiet ta' servizz, evoluzzjonijiet, amalgamazzjonijiet jew id-dekummissjonar ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej;

Emenda

– Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej permezz tat-tfassil ta' infrastrutturi tar-riċerka; Il-fażi ta' tħejjija u implimentazzjoni tagħhom, l-operat fil-fażi bikrija tagħhom b'kumplimentarjetà mal-fondi reġjonali, kif ukoll il-konsolidazzjoni, ***l-adattament, il-manutenzjoni*** u l-ottimizzazzjoni tal-ekosistema tal-infrastruttura tar-riċerka permezz tal-monitoraġġ ta' stadji kritiċi ta' ESFRI u l-iffaċilitar ta' ftehimiet ta' servizz, evoluzzjonijiet, amalgamazzjonijiet jew id-dekummissjonar ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej;

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

ħafna mill-isfidi li taffaċċa l-UE huma wkoll sfidi globali. L-iskala u l-kumplessità tal-problemi huma vasti, u

Emenda

ħafna mill-isfidi li taffaċċa l-UE huma wkoll sfidi globali. L-iskala u l-kumplessità tal-problemi huma vasti, u

jeħtieġ li jiġu indirizzati bi flus, riżorsi u sforzi xierqa sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet. Dawn huma preçizament l-oqsma **li fihom** l-UE **trid** taħdem **flimkien**; b'mod intelliġenti, flessibbli u konġunt għall-benefiçju u l-benesseri taç-çittadini tagħna.

jeħtieġ li jiġu indirizzati bi flus, riżorsi u sforzi xierqa sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet. Dawn huma preçizament l-oqsma **fejn** l-UE **jeħtiġilha** taħdem **b'mod kollaborattiv u mas-sħab globali**; b'mod intelliġenti, flessibbli u konġunt għall-benefiçju u l-benesseri taç-çittadini tagħna.

Emenda 22

Proposta għal deçizjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-riçerka dwar is-saħħa u r-riçerka dwar l-innovazzjoni kellhom parti sinifikanti f'din il-kisba iżda wkoll fit-titjib tal-produttività u tal-kwalità fl-industrija tas-saħħa u l-kura. Madankollu, l-UE tkompli taffaçça sfidi ġodda, li għadhom kemm ħarġu jew persistenti u li qed jheddu liç-çittadini tagħha u s-saħħa pubblika, is-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa tagħha u s-sistemi ta' protezzjoni soçjali, kif ukoll il-kompetittività tal-industrija tas-saħħa u l-kura tagħha. L-isfidi l-kbar tas-saħħa fl-UE jinkludu: in-nuqqas ta' promozzjoni effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard; iż-żieda fil-mard mhux komunikabbli; it-tixrid ta' reżistenza għall-mediçina antimikrobika u l-emerġenza ta' epidemiji infettivi; **żieda** fit-tniġġis ambjentali; il-persistenza ta' inugwaljanzi fis-saħħa fost u fi ħdan il-pajjiżi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni li huma żvantaġġati jew fi stadji vulnerabbli tal-ħajja; id-detezzjoni, il-fehim, il-kontroll, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji tas-saħħa f'ambjent soçjali, urban u naturali li qed jinbidel b'mod rapidu; il-kostijiet li qed jiżdiedu għas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej u l-introduzzjoni progressiva ta' approççi ta' mediçina personalizzata u d-diġitalizzazzjoni fis-saħħa u l-kura; u l-persjoni li qed tiżdied fuq l-industrija

Emenda

Ir-riçerka dwar is-saħħa u r-riçerka dwar l-innovazzjoni kellhom parti sinifikanti f'din il-kisba iżda wkoll fit-titjib tal-produttività u tal-kwalità fl-industrija tas-saħħa u l-kura. Madankollu, l-UE tkompli taffaçça sfidi ġodda, li għadhom kemm ħarġu jew persistenti u li qed jheddu liç-çittadini tagħha u s-saħħa pubblika, is-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa tagħha u s-sistemi ta' protezzjoni soçjali, kif ukoll il-kompetittività tal-industrija tas-saħħa u l-kura tagħha. L-isfidi l-kbar tas-saħħa fl-UE jinkludu: in-nuqqas ta' promozzjoni effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard; iż-żieda fil-mard mhux komunikabbli; it-tixrid ta' reżistenza għall-mediçina antimikrobika u l-emerġenza ta' epidemiji infettivi; **iż-żieda fit-tniġġis ambjentali; iż-żieda fil-mard ikkawżat minn dieta żbilançjata u li mhix tajba għas-saħħa**; il-persistenza ta' inugwaljanzi fis-saħħa fost u fi ħdan il-pajjiżi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni li huma żvantaġġati jew fi stadji vulnerabbli tal-ħajja; id-detezzjoni, il-fehim, il-kontroll, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji tas-saħħa f'ambjent soçjali, urban u naturali li qed jinbidel b'mod rapidu; il-kostijiet li qed jiżdiedu għas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej u l-introduzzjoni progressiva ta' approççi ta' mediçina personalizzata u d-

Ewropea tal-kura u s-saħħa sabiex tibqa' kompetittiva fl-innovazzjoni tas-saħħa u billi tiżviluppa t-tali innovazzjoni fir-rigward ta' atturi globali ġodda u emerġenti.

diġitalizzazzjoni fis-saħħa u l-kura; u l-pressjoni li qed tiżdied fuq l-industrija Ewropea tal-kura u s-saħħa sabiex tibqa' kompetittiva fl-innovazzjoni tas-saħħa u billi tiżviluppa t-tali innovazzjoni fir-rigward ta' atturi globali ġodda u emerġenti.

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) b'mod partikolari: SDG 3 – Saħħa Tajba u Benesseri għall-Persuni; SDG 13 – Azzjoni Klimatika

Emenda

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) b'mod partikolari: SDG 2 – ***Daqshekk Ġuħ***; SDG 3 – Saħħa Tajba u Benesseri għall-Persuni; SDG 13 – Azzjoni Klimatika

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Nutrizzjoni mtejba u nutrizzjoni personalizzata tul il-ħajja kollha.

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Waħda mill-megatendenzi hija li kull oġġett u taġmimir ikunu intelliġenti. Ir-riċerkaturi u l-innovaturi li jiżviluppaw l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u li joffru applikazzjonijiet fir-Robotika u oqsma oħrajn se jkunu l-ixprunaturi ewlenin tat-tkabbir ekonomiku u tal-produttività futur.

Emenda

Waħda mill-megatendenzi hija li kull oġġett u taġmimir ikunu intelliġenti. Ir-riċerkaturi u l-innovaturi li jiżviluppaw l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u li joffru applikazzjonijiet fir-Robotika u oqsma oħrajn se jkunu l-ixprunaturi ewlenin tat-tkabbir ekonomiku u tal-produttività futur.

Ħafna mis-setturi **inkluż is-saħħa**, il-manifattura, il-kostruzzjoni u l-biedja se jużaw u jkomplu jiżviluppaw din it-teknoloġija abilitanti essenzjali, f'partijiet **oħrajn** tal-Programm Qafas. L-iżviluppi jridu jiżguraw is-sikurezza tal-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-IA, jivvalutaw ir-riskji u jimmitigaw il-potenzjal tagħha għal użu malizzjuż u diskriminazzjoni mhux intenzjonata bħal preġudizzju bejn is-sessi jew ir-razez. Irid ikun żgurat ukoll li l-IA hija żviluppata fi ħdan qafas li jirrispetta l-valuri tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Ħafna mis-setturi **inklużi s-saħħa**, il-manifattura, il-kostruzzjoni, **is-sajd** u l-biedja se jużaw u jkomplu jiżviluppaw din it-teknoloġija abilitanti essenzjali, f'partijiet **oħra** tal-Programm Qafas. L-iżviluppi jridu jiżguraw is-sikurezza tal-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-IA, jivvalutaw ir-riskji u jimmitigaw il-potenzjal tagħha għal użu malizzjuż u diskriminazzjoni mhux intenzjonata bħal preġudizzju bejn is-sessi jew ir-razez. Irid ikun żgurat ukoll li l-IA hija żviluppata fi ħdan qafas li jirrispetta l-valuri tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

5. RAGGRUPPAMENT "IKEL U RIŻORSI NATURALI"

Emenda

5. RAGGRUPPAMENT
"AGRIKOLTURA, IKEL U RIŻORSI NATURALI"

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-attivitajiet tal-bniedem qed jagħmlu pressjonijiet dejjem akbar fuq il-ħamrija, l-ibħra u l-oċeani, l-ilma, l-arja, il-bijodiversità u riżorsi naturali oħrajn. In-nutrimient tal-popolazzjoni li dejjem qed tikber tal-pjaneta huwa direttament dipendenti **fuq is-saħħa** tas-sistemi u **r-riżorsi naturali**. Madankollu, ikkombinata mat-tibdil fil-klima, id-domanda dejjem ikbar tal-bniedem għar-riżorsi naturali toħloq pressjonijiet ambjentali li jmorru lil hinn sew minn livelli sostenibbli, li jaffettwaw l-ekosistemi u l-kapaċità

Emenda

L-attivitajiet tal-bniedem qed jagħmlu pressjonijiet dejjem akbar fuq il-ħamrija, l-ibħra u l-oċeani, l-ilma, l-arja, il-bijodiversità u riżorsi naturali oħrajn. In-nutrimient tal-popolazzjoni li dejjem qed tikber tal-pjaneta **u s-sostenn tal-benesseri tal-bniedem (fiżiku u mentali)** huwa direttament dipendenti **mill-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel kif ukoll mis-saħħa** tas-sistemi **naturali** u **mill-użu sostenibbli tar-riżorsi**. Madankollu, ikkombinata mat-tibdil fil-klima, id-domanda dejjem ikbar tal-bniedem għar-riżorsi naturali toħloq

tagħhom li jipprovdu servizzi għall-benesseri tal-bniedem. Il-kunċetti tal-ekonomija ċirkolari, il-bijoeconomija u l-ekonomija blu jipprovdu opportunità sabiex jinħoloq bilanċ bejn l-għanijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi u sabiex l-attivitajiet tal-bniedem jaqdbu l-mogħdija li twassal għas-sostenibbiltà.

pressjonijiet ambjentali li jmorru lil hinn sew minn livelli sostenibbli, li jaffettwaw l-ekosistemi u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi għall-benesseri tal-bniedem. Il-kunċetti tal-ekonomija ċirkolari, ***l-agroekoloġija***, il-bijoeconomija u l-ekonomija blu jipprovdu opportunità sabiex jinħoloq bilanċ bejn l-għanijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi u sabiex l-attivitajiet tal-bniedem jaqdbu l-mogħdija li twassal għas-sostenibbiltà.

Ġustifikazzjoni

Il-problema tal-UE mhix in-nuqqas ta' ikel iżda hija pjuttost l-ikel ta' kwalità baxxa u l-iskonnessjoni dejjem ikbar mill-ambjent naturali, li jaffettwaw il-benesseri u s-saħħa tan-nies.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-ilħuq tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli, il-garanzija tal-produzzjoni u l-konsum ta' ikel sikur u san, il-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli fl-agrikoltura, ***l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija***, l-iżgurar ta' aċċess għal ilma, ħamrija u arja ***nodfa*** għal kulħadd, it-tindif tal-ibħra u l-oċeani, il-preservazzjoni u r-restawr tas-sistemi naturali vitali tal-pjaneta u l-ambjent jirrikjedu li aħna nisfruttaw il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni. Iżda ***l-mogħdiji*** għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u l-modi ***biex*** jiġu ssuperati l-ostakli reżiljenti bilkemm huma ***mifmuma. It-tranżizzjoni*** lejn ***il-konsum u l-produzzjoni*** sostenibbli u r-restawr tas-saħħa planetarja ***jirrikjedu investment*** f'teknoloġiji, mudelli ***ġodda*** ta' negozju, u innovazzjoni ***soċjali*** u ambjentali. Dan joħloq opportunitajiet ġodda għal ekonomija Ewropea sostenibbli, reżiljenti,

Emenda

L-ilħuq tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli, il-garanzija tal-produzzjoni u l-konsum ta' ikel sikur, ***nutrittiv*** u san, il-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli fl-agrikoltura, ***fl-akkwakultura, fis-sajd u fil-forestrija, il-promozzjoni tal-użu sostenibbli tal-ħamrija***, l-iżgurar ta' aċċess għal ilma ***nadif***, ħamrija ***fertili*** u arja ***nadifa*** għal kulħadd, it-tindif tal-ibħra u l-oċeani, il-preservazzjoni u r-restawr tas-sistemi naturali vitali tal-pjaneta u l-ambjent jirrikjedu li aħna nisfruttaw il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni. Iżda ***l-mogħdijiet*** għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u l-modi ***kif*** jiġu ssuperati l-ostakli reżiljenti bilkemm huma ***mifhuma. It-tweqqif tat-tranżizzjoni*** lejn ***konsum u produzzjoni*** sostenibbli ***fi ħdan il-konfini tal-pjaneta*** u r-restawr tas-saħħa planetarja ***jehlieġu l-identifikazzjoni u l-ġbir ta' aktar data u ta' kwalità aħjar dwar l-***

innovattiva u responsabbli, jagħti spinta lill-użu effiċjenti tar-riżorsi, il-produttività u l-kompetittività, u jiġġenera l-impjiegi u t-tkabbir.

impatt ambjentali tal-politiki differenti li jinvestu f'teknoloġiji, mudelli ta' negozju **ġodda, materja prima** u innovazzjoni **soċjoekonomika** u ambjentali. Dan joffri opportunitajiet ġodda għal ekonomija Ewropea sostenibbli, reżiljenti, innovattiva u responsabbli, jagħti spinta lill-użu effiċjenti tar-riżorsi, il-produttività u l-kompetittività, **filwaqt li jsostni l-vijabbiltà rurali** u jiġġenera l-impjiegi u t-tkabbir.

Emenda 29

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-attivitajiet se jibnu bażi tal-għarfien u jwasslu soluzzjonijiet sabiex: **iġestixxu** u **jużaw** b'mod **sostenibbli** r-riżorsi naturali mill-art u **l-baħar** - u jiġi mtejjeb ir-rwol ta' sistemi terrestri u akkwatiċi **bħala bjar** tal-karbonju; **tiġi żgurata s-sigurtà alimentari** u **nutrizzjonali**, u jiġu provduti dieti sikuri, sani u nutrittivi; tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni minn ekonomija lineari bbażata fuq il-fjuwils fossili għal **ekonomija** ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, reżiljenti, ta' emissjonijiet baxxi, u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u li tappoġġa l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli bbażata fuq prodotti bijoloġiċi u l-ekonomija blu; u jiġu żviluppati żoni rurali, kostali u urbani reżiljenti u vibranti.

Emenda

L-attivitajiet se jibnu bażi tal-għarfien u jwasslu soluzzjonijiet sabiex: **jiġi żgurati li l-bijodiversità tibqa'** sostnuta quddiem id-**domanda dejjem akbar fuq ir-riżorsi naturali**, **jiġu ġestiti b'mod sostenibbli** u **użati** b'mod **effiċjenti** r-riżorsi naturali mill-art u **mill-ilma** - u jiġi mtejjeb ir-rwol ta' sistemi terrestri u akkwatiċi **sabiex jiżdied it-tkabbir sostenibbli tal-bijomassa u b'hekk is-sekwestru, il-ħżin u s-sostituzzjoni** tal-karbonju; **jiġu żgurati l-ikel sikur u n-nutrizzjoni sikura** u **sigura**, **biex** jiġu provduti dieti sikuri, sani u nutrittivi; **jiġu appoġġati s-sistemi tal-ikel u tal-biedja fl-implimentazzjoni ta' approċċi agroekoloġiċi biex ikunu ta' benefiċċju għall-agrikoltura sostenibbli; jiġu appoġġati d-diversifikazzjoni tad-dħul fiż-żoni rurali;** tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni minn ekonomija lineari bbażata fuq il-fjuwils fossili għal **bijoekonomija** ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, reżiljenti, ta' emissjonijiet baxxi, u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u li tappoġġa l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli bbażata fuq prodotti bijoloġiċi u l-ekonomija blu; u jiġu żviluppati żoni rurali, kostali u urbani reżiljenti u vibranti.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn se jgħinu fiż-żamma u t-titjib ***tal-provvista tal-bijodiversità*** u jiżguraw ***il-provvista*** fit-tul tas-servizzi tal-ekosistemi, l-adattament ***għall-klima*** u ***s-sekwestru*** tal-karbonju (kemm ***mill-art*** kif ukoll ***mill-baħar***). Dawn se jgħinu ***jnaqqsu*** l-gassijiet serra (GHG) u emissjonijiet oħrajn, l-iskart u t-tniġġis mill-produzzjoni primarja (kemm terrestri kif ukoll akkwatika), l-ipproċessar, il-konsum u attivitajiet oħrajn tal-bniedem. Dawn se jiskattaw investimenti, li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-bijoekonomija u l-ekonomija blu, filwaqt li jipproteġu s-saħħa u l-integrità ambjentali.

Emenda

Dawn se jgħinu fiż-żamma u t-titjib ***tal-bijodiversità, kemm dik selvaġġa kif ukoll dik ikkultivata***, u jiżguraw ***il-forniment*** fit-tul tas-servizzi tal-ekosistemi, l-adattament ***għat-tibdil fil-klima*** u ***l-ħżin*** tal-karbonju (kemm ***fuq l-art*** kif ukoll ***fl-ambjent akkwatiku***). Dawn se ***jkomplu*** jgħinu ***wkoll biex jitnaqqsu*** l-gassijiet serra (GHG) u emissjonijiet oħrajn, ***l-ekotossiċità***, l-iskart u t-tniġġis mill-produzzjoni primarja (kemm terrestri kif ukoll akkwatika), l-ipproċessar, il-konsum u attivitajiet oħrajn tal-bniedem. Dawn se jiskattaw investimenti, li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, ***l-agroekoloġija***, il-bijoekonomija u l-ekonomija blu, filwaqt li jipproteġu s-saħħa u l-integrità ambjentali.

Prekundizzjoni għal dan huwa t-titjib tal-għarfien dwar l-istat tal-bijodiversità. Dawn se jappoġġaw soluzzjonijiet biex tiġi promossa l-multifunzjonalità avanzata tal-agrikoltura tal-UE u biex jissaħħu l-produzzjoni lokali tal-ikel u l-vijabbiltà ekonomika tal-produzzjoni tal-ikel.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn se jrawmu wkoll approċċi ta' parteċipazzjoni lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż approċċ li jinvolvi diversi atturi u jiżviluppaw sistemi tal-

Emenda

Dawn se jrawmu wkoll approċċi ta' parteċipazzjoni lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż approċċ li jinvolvi diversi atturi u jiżviluppaw sistemi tal-

għarfien u ***l-innovazzjoni*** fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. L-innovazzjoni soċjali bl-involviment ***taċ-ċittadini*** u l-fiduċja fl-innovazzjoni se tkun kruċjali sabiex jitħeġġu tendenzi ġodda ta' governanza, produzzjoni u konsum.

għarfien u ***tal-innovazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza*** fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. L-innovazzjoni soċjali bl-involviment u l-fiduċja ***taċ-ċittadini*** fl-innovazzjoni ***u fis-sistemi tal-ikel - permezz ta' trasparenza akbar tal-katina tal-ikel*** - se tkun kruċjali sabiex jitħeġġu tendenzi ġodda ta' governanza, produzzjoni u konsum, ***li jiddependu wkoll mill-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz tat-tikkettar tal-prodotti sostenibbli sabiex il-konsumaturi jiġu megħjuna jagħżlu prodotti sostenibbli u jkunu konxji tar-riċiklabilità tagħhom. Permezz ta' dan l-approċċ b'diversi atturi tul il-katina tal-provvista agroalimentari, dawn se jaħdmu biex jiggwarantixxu li l-għarfien jiġi trasferit lill-utenti aħħarin u se jinvolvu lill-bdiewa u lil utenti oħra tat-teknoloġiji u l-prodotti agrikoli fil-proċess tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' żviluppi innovattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi fis-sistemi kollha tal-ikel.***

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Minħabba li dawn l-isfidi huma kumplessi, interkonnessi u globali fin-natura tagħhom, l-attivitajiet se jsegwu approċċ sistemiku, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u s-sħab internazzjonali, ma' sorsi ta' finanzjament oħrajn u ma' inizjattivi ta' politika oħrajn. Dan se jinvolvi l-isfruttament immexxi mill-utenti ta' sorsi ta' big data ambjentali, bħal dawk minn Copernicus, EGNOS/Galileo, INSPIRE, EOSC, GEOSS, CEOS, EMODnet.

Emenda

Minħabba li dawn l-isfidi huma kumplessi, interkonnessi u globali fin-natura tagħhom, l-attivitajiet se jsegwu approċċ sistemiku, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u s-sħab internazzjonali, ma' sorsi ta' finanzjament oħrajn u ma' inizjattivi ta' politika oħrajn. Dan se jinvolvi l-isfruttament immexxi mill-utenti ta' sorsi ta' big data ambjentali, bħal dawk minn Copernicus, EGNOS/Galileo, INSPIRE, EOSC, GEOSS, CEOS, EMODnet. ***L-approċċ prattiku jista' jinżamm kif inhu billi jintużaw in-netwerks li diġà jeżistu stabbiliti minn programmi oħra bħall-Isħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) fil-Politika Agrikola Komuni.***

Ġustifikazzjoni

Sabiex il-fondi jintużaw bl-aktar mod effiċjenti jenħtieġ li n-netwerks eżistenti jiġu sfruttati bis-sħiħ. Dan se jqarreb ukoll is-setturi tal-politika lejn id-diskussjoni xjentifika.

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-raggruppament V se jikkontribwixxi b'mod speċjali għall-missjoni "Sistemi tal-ikel mingħajr karbonju, reżiljenti, nutrittivi u b'zero skart sal-2035", speċifikata fil-Programm ta' Ħidma speċifiku.

Ġustifikazzjoni

Din il-missjoni tgħin sabiex jintlaħqu l-SDG tan-NU u ssir bidla lejn agrikoltura u sistemi tal-ikel adattati għat-tibdil fil-klima u effiċjenti. Il-minimizzazzjoni tal-iskart tal-ikel u r-ritorn tal-prodotti sekondarji lura fil-katina huma parti importanti ħafna mis-sistema sostenibbli tal-ikel. Il-missjoni tagħmel interazzjonijiet ma' diversi setturi tul il-katina mill-"farm sal-furketa" u għandha rabta mill-qrib ma' raggruppamenti oħra bħall-enerġija, is-saħħa u d-diġitalizzazzjoni.

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-attivitajiet tar-riċerka u innovazzjoni skont dan ir-Raggruppament jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-għanijiet ta': il-Programm ta' Azzjoni Ambjentali, **il-Politika Agrikola Komuni**, il-Politika Komuni tas-Sajd, il-leġiżlazzjoni dwar il-Liġi tal-Ikel, il-politika Marittima, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-

L-attivitajiet tar-riċerka u innovazzjoni skont dan ir-Raggruppament jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-għanijiet ta': **il-Politika Agrikola Komuni**, il-Programm ta' Azzjoni Ambjentali, il-Politika Komuni tas-Sajd, il-leġiżlazzjoni dwar il-Liġi tal-Ikel, il-politika Marittima, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-

Istrateġija tal-Bijoeconomija tal-UE, u l-qafas dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, kif ukoll id-dispożizzjonijiet legali tal-UE dwar it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

Istrateġija tal-Bijoeconomija tal-UE, *l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti 2020, l-Istrateġija tal-UE għal Infrastruttura Ekoloġika, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti* u l-qafas dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, kif ukoll id-dispożizzjonijiet legali tal-UE dwar it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

Ġustifikazzjoni

L-Istrateġija tal-UE għall-Foresti hija parti importanti mill-ġestjoni tar-riżorsi naturali.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament **għall-Għanijiet** ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) **li ġejjin**, b'mod partikolari: SDG 2 – Daqshekk **tal-Ġuħ**; SDG 6 – Ilma Nadif u Sanità; SDG 11 – Bliet u Komunitajiet Sostenibbli; SDG 12 – Konsum Responsabbli u Produzzjoni; SDG 13 – Azzjoni Klimatika; SDG 14 – Il-Ħajja Taħt l-Ilma; SDG 15 – Il-Ħajja fuq l-Art.

Emenda

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament **għall-ilħuq tal-Għanijiet** ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG), b'mod partikolari: SDG 2 – Daqshekk **Ġuħ**; **SDG 3 – Saħħa Tajba u Benesseri għall-Persuni**; SDG 6 – Ilma Nadif u Sanità; **SDG 7 – Enerġija Affordabbli u Nadifa**; **SDG 8 – Xogħol Diċenti u Tkabbir Ekonomiku**; SDG 9 – Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura SDG 11 – Bliet u Komunitajiet Sostenibbli; SDG 12 – Konsum Responsabbli u Produzzjoni; SDG 13 – Azzjoni Klimatika; SDG 14 – Il-Ħajja Taħt l-Ilma; SDG 15 – Il-Ħajja fuq l-Art.

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – paragrafu 5.1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5.1 a. Peress li l-bdiewa huma l-amministraturi ewlenin tal-ambjent fl-

Ewropa huma jeh tiegħu aċċess kontinwu għall-innovazzjoni u r-riċerka, li jippermettulhom jipproduċu ikel, għalf u prodotti oħra b'mod sostenibbli u kosteffettiv. L-innovazzjoni u r-riċerka għandhom ikunu aċċessibbli għall-bdiewa kollha inklużi l-produtturi fuq skala żgħira, iż-żoni rurali u r-reġjuni ultraperiferiċi u muntanjużi.

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kapaċità li tosserva l-ambjent hija l-bażi tar-riċerka u l-innovazzjoni¹⁹ għall-użu sostenibbli u l-monitoraġġ tal-ikel u r-riżorsi naturali. Il-kopertura spazjotemporali mtejba u intervalli ta' teħid tal-kampjuni b'kost ridott, kif ukoll l-aċċess għal big data u l-integrazzjoni minn sorsi multipli jipprovdu modi ġodda ta' monitoraġġ, fehim u tbassir tas-sistema tad-Dinja. Hemm hteġġa ta' implimentazzjoni, sfruttament u aġġornament usa' ta' teknoloġiji ġodda u riċerka u innovazzjoni kontinwi sabiex jiġu indirizzati l-lakuni fl-Osservazzjoni tad-Dinja (EO) fuq *l-art u l-baħar* u fl-atmosfera, b'kollaborazzjoni b'mod partikolari permezz tas-Sistema ta' Sistemi ta' Osservazzjoni tad-Dinja Globali (GEOSS) u l-komponent Ewropew tagħha EuroGEOSS.

¹⁹ L-Osservazzjoni tad-Dinja se tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni taħt oqsma ta' intervent oħrajn fi ħdan din l-Isfida Globali, kif ukoll partijiet rilevanti oħrajn ta' Orizzont Ewropa.

Emenda

Il-kapaċità li tosserva l-ambjent hija l-bażi tar-riċerka u l-innovazzjoni¹⁹ għall-użu sostenibbli u l-monitoraġġ tal-ikel u r-riżorsi naturali. Il-kopertura spazjotemporali mtejba u intervalli ta' teħid tal-kampjuni b'kost ridott, kif ukoll l-aċċess għal big data u l-integrazzjoni minn sorsi multipli jipprovdu modi ġodda ta' monitoraġġ, fehim u tbassir *tal-proċessi u* tas-sistema tad-Dinja. Hemm hteġġa ta' implimentazzjoni, sfruttament u aġġornament usa' ta' teknoloġiji ġodda u riċerka u innovazzjoni kontinwi sabiex jiġu indirizzati l-lakuni fl-Osservazzjoni tad-Dinja (EO) fuq *wiċċ il-pjaneta* u fl-atmosfera, b'kollaborazzjoni b'mod partikolari permezz tas-Sistema ta' Sistemi ta' Osservazzjoni tad-Dinja Globali (GEOSS) u l-komponent Ewropew tagħha EuroGEOSS.

¹⁹ L-Osservazzjoni tad-Dinja se tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni taħt oqsma ta' intervent oħrajn fi ħdan din l-Isfida Globali, kif ukoll partijiet rilevanti oħrajn ta' Orizzont Ewropa.

Ġustifikazzjoni

It-terminu "wiċċ tal-pjaneta" huwa usa' mit-terminu "l-art u l-baħar" peress li dan jinkludi wkoll l-arja.

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– L-approċċi xprunati mill-utenti u dawk sistemiċi jinkludu minn data ***miftuħa sa data ambjentali, u informazzjoni għall-immudellar kumpless u s-sistemi ta' tbassir;***

Emenda

– L-approċċi xprunati mill-utenti u dawk sistemiċi jinkludu ***data ambjentali u spazjali miftuħa*** minn ***diversi sorsi u analiżi b'saħħitha tal-big data sabiex ikun jista' jsir l-immudellar ibbażat fuq il-proċessi kif ukoll biex ikunu jistgħu jiġu mbassra u rikonoxxuti r-riskji emerġenti;***

Ġustifikazzjoni

Id-data spazjali hija waħda mill-għodod ewlenin sabiex jiġu analizzati r-riżorsi naturali.

Emenda 39

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– L-istatus tal-bijodiversità, il-protezzjoni tal-ekosistemi, il-mitigazzjoni u l-adattament ***għall-klima, is-sigurtà*** alimentari, l-agrikoltura u l-forestrija, l-użu tal-art u l-bidla fl-użu tal-art, l-iżvilupp urban u periurban, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, l-isfruttament u l-konservazzjoni tal-oċeani, is-sigurtà marittima u dominji rilevanti oħrajn;

Emenda

– L-istatus tal-bijodiversità, il-protezzjoni tal-ekosistemi, il-mitigazzjoni ***tal-klima*** u l-adattament ***għaliha, is-sekwestru u l-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija, is-sikurezza u s-sigurtà*** alimentari, l-agrikoltura u l-forestrija ***sostenibbli, il-kwalità tal-ħamrija***, l-użu tal-art u l-bidla fl-użu tal-art, l-iżvilupp urban u periurban, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, l-isfruttament u l-konservazzjoni tal-oċeani, is-sigurtà marittima u dominji rilevanti oħrajn;

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Il-kokreazzjoni, l-isfruttament u l-valorizzazzjoni tad-data eżistenti u dik ġdida joffru potenzjal għal opportunitajiet ta' negozju li jiġġeneraw il-valur***

Ġustifikazzjoni

Is-soluzzjonijiet tad-data se jkun ta' importanza ewlenija għal innovazzjonijiet ġodda u jenħtieġ li dawn jiġu rikonoxxuti.

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***It-tisħiħ tas-sinerġiji bejn is-setturi differenti tal-politika li jutilizzaw id-data dwar l-ambjent u r-riżorsi naturali.***

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Huwa meħtieġ fehim imtejjeb tal-bijodiversità u l-ekosistemi, is-servizzi multipli li jipprovdu u l-"konfini" planetarji, kif ukoll soluzzjonijiet li jisfruttaw is-setgħa u l-kumplexità tan-natura, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà, sabiex tittejjeb is-sostenibbiltà u sabiex jintlaħaq l-għan tal-UE "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" sal-2050 kif inhu stipulat fis-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE. Trid tingħata l-konsiderazzjoni dovuta tul il-ktajjen ta'

Huwa meħtieġ fehim imtejjeb tal-bijodiversità u l-ekosistemi, ***it-tendenzi fit-tibdil tagħhom u t-theddid li qed jiffaċċjaw***, is-servizzi multipli li jipprovdu u l-"konfini" planetarji, kif ukoll soluzzjonijiet li jisfruttaw is-setgħa u l-kumplexità tan-natura, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà, sabiex tittejjeb is-sostenibbiltà u sabiex jintlaħaq l-għan tal-UE "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" sal-2050 kif inhu stipulat fis-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-

valur kollha tal-impatti potenzjali upstream. Il-kooperazzjoni internazzjonali u l-kontribuzzjoni lejn sforzi u inizjattivi internazzjonali, bħall-Pjattaforma Intergovernattiva tax-Xjenza Politika għal Servizzi tal-Bijodiversità u l-Ekosistemi, huma essenzjali għall-kisba tal-għanijiet f'dan il-qasam. Hemm il-ħtieġa li **nifmhu** aħjar il-governanza tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà fis-sistema ekonomika, soċjali u naturali, mil-livell lokali sa dak globali.

UE. Trid tingħata l-konsiderazzjoni dovuta tul il-ktajjen ta' valur kollha tal-impatti potenzjali upstream. **Hija meħtieġa riċerka sabiex jiġu żviluppati l-protezzjonijiet tal-bijodiversità, u jingħata kontribut għalihom, filwaqt li jibqgħu jinżammu l-kunċetti dwar il-ġestjoni tal-forestrija u l-produzzjoni agrikola.** Il-kooperazzjoni internazzjonali u l-kontribuzzjoni lejn sforzi u inizjattivi internazzjonali, bħall-Pjattaforma Intergovernattiva tax-Xjenza Politika għal Servizzi tal-Bijodiversità u l-Ekosistemi, huma essenzjali għall-kisba tal-għanijiet f'dan il-qasam. Hemm il-ħtieġa li **nifmhu** aħjar il-governanza tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà fis-sistema ekonomika, soċjali u naturali, mil-livell lokali sa dak globali.

Ġustifikazzjoni

Ir-raggruppament V ta' Orizzont Ewropa jenħtieġ li jappoġġja l-obiettivi speċifiċi tal-PAK.

Emenda 43

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– L-istat u l-valur tal-bijodiversità, l-ekosistemi terrestri u **marini**, il-kapital naturali u s-servizzi tal-ekosistemi;

Emenda

– L-istat u l-valur tal-bijodiversità, l-ekosistemi terrestri u **akkwatiċi**, il-kapital naturali u s-servizzi tal-ekosistemi **u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni primarja**;

Ġustifikazzjoni

Peress li l-ekosistema marina hija kunċett ristrett wisq, jenħtieġ li nirreferu għall-ekosistemi akkwatiċi li jinkludu l-ibħra, l-oċeani u l-ilmijiet interni kollha.

Emenda 44

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

- L-immudellar tat-tendenzi u x-xenarji integrati għall-bijodiversità, is-servizzi tal-ekosistemi u l-kwalità ta' ħajja tajba fi skali u orizzonti differenti; il-kontribuzzjoni potenzjali ta' bijotopi u ekosistemi bħala bjar tal-karbonju f'diversi xenarji ta' tibdil fil-klima;

Emenda

- L-immudellar tat-tendenzi u x-xenarji integrati għall-bijodiversità, is-servizzi tal-ekosistemi u l-kwalità ta' ħajja tajba fi skali u orizzonti differenti; il-kontribuzzjoni potenzjali ta' bijotopi u ekosistemi bħala bjar tal-karbonju f'diversi xenarji ta' tibdil fil-klima; ***ir-rabtiet bejn l-użu ta' komposti u rati ikbar ta' mortalità għall-pollinaturi;***

Emenda 45

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

- L-integrazzjoni tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi f'oqfsa ta' teħid ta' deċiżjonijiet u sistemi kontabbilistiċi tal-gvernijiet u n-negozji, kif ukoll il-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji tagħhom;

Emenda

- L-integrazzjoni tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi f'oqfsa ta' teħid ta' deċiżjonijiet u sistemi kontabbilistiċi tal-gvernijiet u n-negozji, kif ukoll il-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji tagħhom; ***il-provvediment ta' riċerka xjentifika affidabbli biex il-bdiewa jiġu ppremjati b'mod preċiż skont l-iskemi agrikoli tal-PAK għall-benefiċċji pprovduti f'dawk li huma bijodiversità mtejba u prestazzjoni ambjentali.***

Emenda 46

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

- Soluzzjonijiet adattabbli u multifunzjonali bbażati fin-natura, li jindirizzaw l-isfidi fil-bliet u fiż-żoni rurali u kostali marbutin ***mat-tibdil*** fil-klima, id-diżastri naturali, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistemi, it-tniġġis, u s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini;

Emenda

- Soluzzjonijiet adattabbli u multifunzjonali bbażati fin-natura, li jindirizzaw l-isfidi fil-bliet u fiż-żoni rurali u kostali marbutin ***mal-produttività u l-kompetittività agrikoli, it-tibdil*** fil-klima, id-diżastri naturali, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistemi, it-tniġġis, u s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini;

Ġustifikazzjoni

Il-produttività u l-kompetittività agrikoli huma fatturi ewlenin fil-produzzjoni tal-ikel sostenibbli peress li aħna jeħtiġilna jkollna settur agrikolu effiċjenti.

Emenda 47

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni

– Approċċi ta' laboratorju ħaj b'diversi atturi li jinvolvu lill-awtoritajiet, lill-partijiet ikkonċernati u lis-soċjetà ċivili fil-kodisinn u ***l-koħolqien*** ta' soluzzjonijiet sistemiċi għall-preservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-kapital naturali, il-governanza tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u l-opzjonijiet ta' ġestjoni sostenibbli f'attivitajiet ekonomiċi fiċ-ċrieki tal-valur sħiħ.

Emenda

– Approċċi ta' laboratorju ħaj b'diversi atturi li jinvolvu lill-awtoritajiet, lill-partijiet ikkonċernati, ***lill-produtturi, lin-negożji*** u lis-soċjetà ċivili fil-kodisinn u ***l-kokreazzjoni*** ta' soluzzjonijiet sistemiċi għall-preservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-kapital naturali, il-governanza tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u l-opzjonijiet ta' ġestjoni sostenibbli f'attivitajiet ekonomiċi fiċ-ċrieki tal-valur sħiħ.

Ġustifikazzjoni

Il-produtturi huma l-attur ewlieni fil-katina tal-provvista tal-ikel.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sistemi ta' biedja u forestrija reżiljenti u sostenibbli jipprovdu benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali f'kuntast li qed jinbidel għall-produzzjoni primarja. Flimkien ***mal-kontribut lejn is-sigurtà*** alimentari u nutrizzjonali, dawn jikkontribwixxu fi ktajjen ta' valur dinamiċi, iġestixxu l-art u r-riżorsi naturali, u jwasslu wkoll firxa ta' oġġetti pubbliċi vitali inkluż is-sekwestru tal-karbonju, il-preservazzjoni tal-

Emenda

Sistemi ta' biedja u forestrija reżiljenti u sostenibbli jipprovdu benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali f'kuntast li qed jinbidel għall-produzzjoni primarja. Flimkien ***mal-iżgurar tas-sigurtà*** alimentari u nutrizzjonali, dawn jikkontribwixxu fi ktajjen ta' valur dinamiċi, iġestixxu l-art u r-riżorsi naturali, u jwasslu wkoll firxa ta' oġġetti pubbliċi vitali inkluż is-sekwestru tal-karbonju, il-preservazzjoni tal-

bijodiversità, id-dakkir u s-saħħa pubblika. L-approċċi integrati huma meħtieġa għall-promozzjoni tal-funzjonijiet multipli tal-(eko)sistemi agrikoli u tal-foresti, b'konsiderazzjoni tal-kuntest li qed jinbidel għall-produzzjoni primarja, b'mod partikolari b'rabta mal-klima u l-ambjent, id-disponibbiltà tar-riżorsi, id-demografija u x-xejriet tal-konsum. Huwa neċessarju wkoll li tiġi indirizzata d-dimensjoni spazjali u soċjoekonomika tal-attivitajiet agrikoli u tal-forestrija u li jiġi mobilizzat il-potenzjal taż-żoni rurali.

bijodiversità, id-dakkir u s-saħħa pubblika. L-approċċi integrati huma meħtieġa għall-promozzjoni tal-funzjonijiet multipli tal-(eko)sistemi agrikoli u tal-foresti, b'konsiderazzjoni ***tal-obiettivi tal-PAK u*** tal-kuntest li qed jinbidel għall-produzzjoni primarja, b'mod partikolari b'rabta mal-klima u l-ambjent, id-disponibbiltà tar-riżorsi, ***il-kompetittività***, id-demografija u x-xejriet tal-konsum ***kif ukoll l-organiżmi ta' ħsara u l-mard ġodda li jiġfaċċaw. Dan jippresupponi l-kisba ta' fehim xjentifiku aħjar tal-impatt tas-sistemi differenti tal-biedja fuq il-preservazzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi.*** Huwa neċessarju wkoll li tiġi indirizzata d-dimensjoni spazjali u soċjoekonomika tal-attivitajiet agrikoli u tal-forestrija u li jiġi mobilizzat il-potenzjal taż-żoni rurali. ***Il-bdiewa jeħtieġu wkoll aċċess kontinwu għall-innovazzjoni, għat-teknoloġija ġdida u għar-riċerka sabiex jipproduċu l-ikel b'mod sostenibbli sabiex inkunu nistgħu kemm nitimgħu lid-dinja kif ukoll niproteġu l-ambjent għall-ġenerazzjonijiet futuri. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi indirizzat id-dinamiżmu tal-interfaċċja rurali urbana fil-kuntest tal-bliet li qed jespandu meta mqabbel mal-pajsaġġi tal-biedja/tal-forestrija, ir-residenza meta mqabbla mad-dinamiżmu tal-post tax-xogħol u l-kampanja abitabbli.***

Emenda 49

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-biedja organika u dik agroekoloġika fihom potenzjal qawwi biex jilhq u l-SDGs. Għalhekk, Orizzont Ewropa għandu l-għan li jkompli jgħolli l-livell ta' dawn il-prattiki tal-biedja. Bħalissa, inqas minn 10 % tal-art agrikola totali tal-UE jinħadem b'mod organiku. Biex ikun

jista' jitgħolla l-livell, il-baġit iddedikat għar-riċerka mmirata speċifikament lejn approċċi agroekoloġiċi għall-benefiċċju kemm tas-sistemi organiċi kif ukoll ta' dawk konvenzjonali għandu jkun delimitat għal 20 % tal-baġit totali minfuq fl-agrikoltura, fil-forestrija, fiż-żoni rurali u fis-sistemi tal-ikel. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sistemi ta' Valur Naturali Għoli minħabba l-valur għoli tagħhom f'dawk li huma bijodiversità u kultura, u lill-identifikazzjoni ta' rotot ottimali għad-diversifikazzjoni tal-introjt, liż-żamma tal-vitalità rurali u sostenibbiltà ġenerali sabiex jiġi żgurati li d-dimensjonijiet kollha tagħha jiġu indirizzati b'mod koerenti.

Emenda 50

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Informazzjoni ċara u xjentifikament korretta għaċ-ċittadini kollha dwar il-proċessi primarji tal-produzzjoni tal-ikel sabiex jitrawmu l-fehim, l-aċċettazzjoni u l-appoġġ għall-ħtieġa ta' innovazzjonijiet agrikoli;

Emenda 51

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2.3. – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Metodi, teknoloġiji u għodod għall-produzzjoni sostenibbli u reżiljenti fil-biedja u l-forestrija;

– Metodi, teknoloġiji u għodod għall-produzzjoni sostenibbli u reżiljenti fil-biedja u l-forestrija, *u soluzzjonijiet għal agrikoltura newtrali f'dawk li huma emissjonijiet tal-karbonju u għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali inklużi metodi għal tgħammir imtejjeb u aktar*

Emenda 52

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ***Il-ġestjoni*** sostenibbli ***u l-użu effiċjenti*** tar-riżorsi naturali (eż. il-ħamrija, l-ilma, in-nutrijenti u l-bijodiversità, inkluż ir-riżorsi ġenetiċi) fl-agrikoltura u l-forestrija; alternattivi għal riżorsi bbażati fuq il-fjuwils fossili u l-adozzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari;

– ***L-użu*** sostenibbli tar-riżorsi naturali (eż. il-ħamrija, l-ilma, in-nutrijenti u l-bijodiversità, inkluż ir-riżorsi ġenetiċi) fl-agrikoltura u l-forestrija; alternattivi għal riżorsi bbażati fuq il-fjuwils fossili u l-adozzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari ***u bijoloġika, tal-kunċetti tal-irkupru u ċ-ċirkolazzjoni tan-nutrijenti għal agrikoltura u katina tal-ikel reżiljenti; ;***

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun hemm sinerġiji bejn programmi differenti, jenħtieġ li jitqiesu l-oġettivi tal-PAK speċjalment fil-ħames raggruppament tal-Pilastru II.

Emenda 53

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– L-impatt klimatiku u ambjentali tal-attivitajiet fis-settur primarju; il-potenzjal tal-agrikoltura u l-forestrija bħala bjar tal-karbonju u għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, ***inkluż*** l-approċċi lejn l-emissjonijiet negattivi;

– L-impatt klimatiku u ambjentali tal-attivitajiet fis-settur primarju ***tul il-katina tal-valur***; il-potenzjal tal-agrikoltura u l-forestrija bħala bjar tal-karbonju u għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, ***inklużi*** l-approċċi lejn l-emissjonijiet negattivi, ***ir-rwol tal-ħamrija bħala s-sekwestru u s-sostituzzjoni tal-karbonju u t-teknoloġiji u l-metodi sabiex tiżdied il-kapaċità tagħha għall-ħżin tal-karbonju***;

Ġustifikazzjoni

Il-ħamrija għandha wkoll kapaċità tajba ħafna tas-sekwestru u l-ħżin tal-karbonju li hija

importanti li tiġi rikonoxxuta.

Emenda 54

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***L-użu ta' tnissil u ġenomika moderni sabiex il-provvista tal-bijomassa u tal-materja prima tiġi ddiversifikata u jiġu aċċellerati t-tkabbir u l-bijosinteżi, u b'hekk is-sekwestru tas-CO₂ kemm fil-forestrija kif ukoll fl-agrikoltura, anke sabiex tiġi żgurata l-produzzjoni tal-ikel;***

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa teknoloġiji moderni tat-tnissil sabiex inżommu l-kapaċità tagħna li nitimgħu l-popolazzjoni li dejjem qed tikber.

Emenda 55

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2.3. – paragrafu 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Organiżmi ta' ħsara u mard tal-pjanti u ***saħħa*** u ***benesseri*** tal-annimali; alternattivi għall-użu ***ta' pestiċidi***, ***antibijotiċi*** u sustanzi oħrajn ***kontenzjużi***;

– Organiżmi ta' ħsara u mard tal-pjanti u ***s-saħħa*** u ***l-benesseri*** tal-annimali, ***inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji integrati tal-biedja***; alternattivi għall-użu ***tal-pestiċidi***, ***l-erbiċidi***, ***il-fungiċidi***, ***l-antibijotiċi*** u sustanzi oħrajn ***li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw ħsara; enfasi fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien li jippromwovu s-saħħa; riċerka dwar pestiċidi b'riskju baxx bħala mezz biex tiġi appoġġata l-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara;***

Emenda 56

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 8

Test propost mill-Kummissjoni

– Innovazzjonijiet fil-biedja fl-interfaċċi bejn l-agrikoltura, l-akkwakultura u l-forestrija u fiż-żoni urbani;

Emenda

– Innovazzjonijiet fil-biedja fl-interfaċċi bejn l-agrikoltura, l-akkwakultura u l-forestrija u fiż-żoni urbani, ***l-interfaċċi bejn il-pajsaġġi rurali u urbani u l-effetti tal-bliet li qed jespandu fuq il-pajsaġġi tal-biedja u tal-forestrija u l-iffaċilitar tal-żvilupp kummerċjali fiż-żoni rurali;***

Ġustifikazzjoni

Peress li sehem dejjem akbar tal-popolazzjoni qed tgħix fiż-żoni urbani, dan jenħtieġ li jitqies fl-agrikoltura u bl-istess mod fil-fatt li jinstabu soluzzjonijiet sabiex jiġi attivat il-kummerċ fiż-żoni rurali.

Emenda 57

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 9

Test propost mill-Kummissjoni

– L-użu tal-art, l-iżvilupp rurali u r-rabtiet territorjali; kapitalizzazzjoni fuq l-assi soċjali, kulturali, ekonomiċi u ambjentali taż-żoni rurali għal servizzi ġodda, mudelli tan-negozju, ktajjen tal-valur u oġġetti pubbliċi;

Emenda

– L-użu tal-art, l-iżvilupp rurali u r-rabtiet territorjali ***tal-ekosistema tal-innovazzjoni;*** kapitalizzazzjoni fuq l-assi soċjali, kulturali, ekonomiċi u ambjentali taż-żoni rurali għal servizzi ġodda, mudelli tan-negozju, ktajjen tal-valur u oġġetti pubbliċi; ***l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet u t-trasferiment tal-għarfien f'dawn l-oqsma, inkluż permezz ta' taħriġ u apprendistati għall-persuni u ż-żghażaġh li jidħlu ġodda.***

Emenda 58

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2.3. – paragrafu 2 – inċiż 10

Test propost mill-Kummissjoni

– Innovazzjonijiet diġitali fil-biedja u l-forestrija tul il-ktajjen tal-valur u ż-żoni rurali permezz tal-użu tad-data u l-iżvilupp ta' infrastrutturi, teknoloġiji u mudelli ta' governanza;

Emenda

– Innovazzjonijiet diġitali ***u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet intelliġenti*** fil-biedja u l-forestrija tul il-ktajjen tal-valur u ż-żoni rurali permezz tal-użu tad-data u l-iżvilupp ta' infrastrutturi, teknoloġiji u mudelli ta' governanza ***biex jittejbu l-mudelli taleffiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-mudelli tal-prestazzjoni ambjentali li huma aċċessibbli għall-bdiewa; l-identifikazzjoni tal-mezzi eżistenti jew potenzjali ta' integrazzjoni ta' sistemi tal-biedja ta' preċiżjoni fi ħdan l-azjendi żgħar u ta' daqs medju; l-identifikazzjoni tas-soluzzjonijiet eżistenti jew potenzjali għall-ipproċessar ta' volumi kbar ta' data minn tipi differenti ta' sensuri tal-biedja ta' preċiżjoni, kif ukoll l-identifikazzjoni tas-soluzzjonijiet eżistenti jew potenzjali għall-integrazzjoni ta' din id-data f'sistemi ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-azjendi agrikoli li huma faċli għall-utent;***

Emenda 59

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 11

Test propost mill-Kummissjoni

– Għarfien agrikolu u sistemi ta' innovazzjoni u l-interkonnessjoni tagħhom fid-diversi skali; konsulenza, bini tal-ħiliet u kondiviżjoni tal-informazzjoni.

Emenda

– Għarfien agrikolu u sistemi ta' innovazzjoni u l-interkonnessjoni tagħhom fid-diversi skali; konsulenza, bini tal-ħiliet u kondiviżjoni tal-informazzjoni; ***it-titjib tal-iskambju tal-għarfien u l-promozzjoni ta' approċċi ġodda, bħall-valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli, sabiex il-bdiewa jiġu megħjuna jadattaw il-ġestjoni tal-azjendi agrikoli tagħhom.***

Emenda 60

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel u tal-biedja u prattiki agronomiċi integrati u diversifikati, inkluż l-użu ta' approċċi agroekoloġiċi sabiex jibbenefikaw kemm l-agrikoltura konvenzjonali kif ukoll dik organika;***

Emenda 61

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***It-titjib tal-komunikazzjoni mal-pubbliku dwar il-proċessi tal-produzzjoni primarja biex jinbnew fehim u aċċettazzjoni aħjar tar-rwol tal-innovazzjonijiet agrikoli.***

Emenda 62

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***L-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' proteini biex tittejjeb l-awtosuffiċjenza tal-UE fil-produzzjoni tal-proteini.***

Emenda 63

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***It-tqegħid fil-prattika tal-innovazzjoni fit-tnissil tal-pjanti: l-iżvilupp u t-titjib ulterjuri tal-aħħar***

metodi ta' tnissil tal-pjanti u wkoll l-attivazzjoni ta' teknoloġiji bħalma hu s-sekwenzar tal-ġenoma u l-iskoperta tal-ġeni għal rendiment sostnut u akbar tal-għelejjel, nutrizzjoni msaħħa u kwalità tal-ikel imtejba biex jitnaqqas il-ħela tal-ikel.

Emenda 64

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kapital naturali tal-ibħra u ***l-oċeani*** u s-servizzi tal-ekosistemi joffru benefiċċji soċjoekonomiċi u ta' benesseri sinifikanti. Dan il-potenzjal jinsab mhedded minħabba l-persjoni kbira mill-fatturi ta' stress umani u naturali bħat-tniġġis, is-sajd eċċessiv, it-tibdil fil-klima, iż-żieda fil-livell tal-baħar u avvenimenti estremi tat-temp. Sabiex l-ibħra u ***l-oċeani*** ma jaslux f'punt fejn ikun tard wisq, huwa neċessarju li nsaħħu l-għarfien u l-fehim tagħna sabiex iġestixxu, niproteġu u nirrestawraw b'mod sostenibbli l-ekosistemi marini u kostali u niġġieldu kontra t-tniġġis fil-baħar, f'kuntest ta' qafas ta' governanza tal-oċeani imtejjeb u responsabbli. Dan se jinkludi wkoll riċerka sabiex jinfetaħ b'mod sostenibbli l-potenzjal ekonomiku enormi u mhux sfruttat tal-ibħra u ***l-oċeani li jimmira lejn il-produzzjoni ta'*** iktar ikel mingħajr żieda fil-persjonijiet fuqhom, u jikkontribwixxi wkoll ***għall-elevar tal-persjoni*** minn fuq ir-riżorsi tal-art, ***l-ilma*** ħelu u ***l-oċeani***. Hemm hteġa ta' approċċi ta' ***sħubija, inkluż*** strateġiji ***tal-baċir*** tal-baħar u makroreġjonali, li jestendu lil hinn mill-UE (eż. fil-Mediterran, ***il-Baltiku, il-Baħar l-Iswed, l-Atlantiku, il-Baħar Karibew u l-Oċean Indjan***); u għall-kontribuzzjoni għall-impenji tal-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani, inizjattivi bħad-Deċenju tal-Nazzjonijiet Uniti għax-Xjenza

Emenda

Il-kapital naturali tal-ibħra, ***l-oċeani*** u ***l-ilmijiet ħelwa*** u s-servizzi tal-ekosistemi joffru benefiċċji soċjoekonomiċi u ta' benesseri sinifikanti. Dan il-potenzjal jinsab mhedded minħabba l-persjoni kbira mill-fatturi ta' stress umani u naturali bħat-tniġġis, ***it-telf tan-nutrienti***, is-sajd eċċessiv, it-tibdil fil-klima, iż-żieda fil-livell tal-baħar u avvenimenti estremi tat-temp. Sabiex l-ibħra, ***l-oċeani*** u ***l-ilmijiet ħelwa*** ma jaslux f'punt fejn ikun tard wisq ***u bil-għan li jiġu promossi l-katini tal-valur tal-ekonomija blu***, huwa neċessarju li nsaħħu l-għarfien u l-fehim tagħna sabiex iġestixxu, niproteġu u nirrestawraw b'mod sostenibbli l-ekosistemi marini u kostali u niġġieldu kontra t-tniġġis fil-baħar, f'kuntest ta' qafas ta' governanza tal-oċeani imtejjeb u responsabbli. Dan se jinkludi wkoll riċerka sabiex jinfetaħ b'mod sostenibbli l-potenzjal ekonomiku enormi u mhux sfruttat tal-ibħra, ***l-oċeani u l-ilmijiet ħelwa bil-mira li jiġi prodott*** iktar ikel mingħajr żieda fil-persjonijiet fuqhom, u jikkontribwixxi wkoll ***biex tittaffa l-persjoni*** minn fuq ir-riżorsi tal-art, ***tal-ilma*** ħelu u ***tal-oċeani***. Hemm hteġa ta' approċċi ***favur l-iffurmar*** ta' ***sħubiji, li jkun jinkludu*** strateġiji ***fir-rigward tal-baċiri*** tal-baħar, ***id-distretti tas-sajd*** u ***strateġiji*** makroreġjonali, ***inklużi dawk*** li jestendu lil hinn mill-UE (eż. fil-

Miftuħa għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-impenji marbuta mal-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika **tal-baħar** f'żoni li huma lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

Mediterran, **fil-Baltiku, fil-Baħar** l-Iswed, **fl-Atlantiku, fil-Baħar** Karibew u **fl-Oċean** Indjan); u għall-kontribuzzjoni għall-impenji tal-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani, inizjattivi bħad-Deċenju tal-Nazzjonijiet Uniti għax-Xjenza Miftuħa għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-impenji marbuta mal-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika **akkwatika** f'żoni li huma lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

Ġustifikazzjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni tat-terminu "ibħra u oċeani" huwa limitat wisq u għalhekk irid jiġi inkluż wkoll it-terminu "ilma ħelu". L-emenda tirreferi għad-distretti tas-sajd minħabba l-importanza internazzjonali tagħhom li dejjem tiżdied bħala parti integrali mill-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal ftuħ sostenibbli tal-potenzjal ekonomiku tal-ibħra, b'mod partikolari fil-kuntest tas-šhubijiet ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE.

Emenda 65

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-biedja sostenibbli fl-ibħra u **l-oċeani**, is-sajd u **l-marikultura** għall-ikel, inklużi sorsi alternattivi ta' proteini b'sigurtà alimentari, sovranità tal-ikel u reżiljenza għall-klima ikbar;

Emenda

– Il-biedja sostenibbli fl-ibħra, **l-oċeani** u **l-ilma ħelu**, is-sajd u **l-kultura akkwatika** għall-ikel, inklużi **ambjenti akkwatiċi bħala** sorsi alternattivi ta' proteini b'sigurtà alimentari, sovranità tal-ikel u reżiljenza għall-klima ikbar;

Ġustifikazzjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni tat-terminu "ibħra u oċeani" huwa limitat wisq u għalhekk irid jiġi inkluż wkoll it-terminu "ilma ħelu".

Emenda 66

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Ir-reżiljenza msaħħa tal-ekosistemi

PE625.364v02-00

Emenda

– Ir-reżiljenza msaħħa tal-ekosistemi

36/52

AD\1162184MT.docx

marini sabiex tkun żgurata s-saħħa tal-ibħra u **tal-oċeani**, il-ġlieda u l-mitigazzjoni tal-effetti ta' pressjonijiet naturali u tal-bniedem bħat-tniġġis u l-plastiks, l-ewtrofikazzjoni, l-aċidifikazzjoni, it-tiħin tal-ibħra u l-oċeani, iż-żieda fil-livell tal-baħar, b'kunsiderazzjoni tal-intersezzjoni bejn l-art u **l-baħar** u permezz ta' trawwim ta' approċċ ċirkolari;

akkwatiċi sabiex tkun żgurata s-saħħa tal-ibħra, **tal-oċeani** u **tal-ilma ħelu**, il-ġlieda u l-mitigazzjoni tal-effetti ta' pressjonijiet naturali u tal-bniedem bħat-tniġġis u l-plastiks, l-ewtrofikazzjoni, l-aċidifikazzjoni, it-tiħin tal-ibħra u l-oċeani, iż-żieda fil-livell tal-baħar, b'kunsiderazzjoni tal-intersezzjoni bejn l-art u **l-ambjent akkwatiku** u permezz ta' trawwim ta' approċċ ċirkolari;

Ġustifikazzjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni tat-terminu "ibħra u oċeani" huwa limitat wisq u għalhekk irid jiġi inkluż wkoll it-terminu "ilma ħelu".

Emenda 67

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

– Ktajjen tal-valur blu, l-użu multiplu tal-ispazju marin u t-**tkabbir tas-settur tal-enerġija rinnovabbli mill-ibħra u l-oċeani, inkluż mikroalga u makroalga** sostenibbli;

Emenda

– Ktajjen tal-valur blu, l-użu multiplu tal-ispazju marin u t-**tkabbir tas-settur tal-enerġija rinnovabbli mill-ibħra u l-oċeani, inklużi l-mikroalga u l-makroalga** sostenibbli, **l-investment fit-teknoloġiji u s-servizzi marittimi bħalma huma l-enerġija mill-oċeani u l-bijoteknoloġija marina;**

Ġustifikazzjoni

L-emenda tispeċifika ċerti prijoritajiet strateġiċi diġà stabbiliti mill-UE fi strumenti oħra, bħall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, fl-ambitu tal-innovazzjoni u r-riċerka xjentifika.

Emenda 68

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 8

Test propost mill-Kummissjoni

– L-innovazzjoni blu **li tinkludi l-**

Emenda

– L-innovazzjoni blu **inkluż fl-**

ekonomiji blu u diġitali, fiż-żoni ta' mal-kosta kollha, *il-bliet* kostali u *l-portijiet* sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza taż-żoni kostali u *jiżdiedu l-benefiċċji taċ-ċittadini*.

ekonomiji blu u diġitali, fiż-żoni ta' mal-kosta kollha, *fil-bliet* kostali u *fil-portijiet* sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza taż-żoni kostali u *tiġi miġġielda d-depopolazzjoni gradwali tagħhom billi jiġu appoġġati l-impjiegi u jiġi inkoraġġit it-turiżmu sostenibbli matul iż-żmien*.

Ġustifikazzjoni

L-emenda ssemmi l-problema tad-depopolazzjoni fiż-żoni kostali, partikolarment in-nuqqas ta' żgħażaġh, minħabba n-nuqqas ta' xogħol, l-abbandun tal-attivitàjiet marbuta mas-sajd jew id-diffikultajiet biex din tinżamm sostenibbli, u n-nuqqas ta' appoġġ għat-turiżmu.

Emenda 69

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2.5. – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-effetti kkombinati taż-żieda fil-popolazzjoni, l-iskarsezza *tar-riżorsi* u l-isfruttament *mhux sostenibbli*, id-degradazzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima u l-migrazzjoni joħolqu sfidi bla preċedent li jirrikjedu t-trasformazzjoni tas-sistema alimentari (FOOD 2030) ²⁰. *Il-produzzjoni u l-konsum tal-ikel* attwali *fil-biċċa l-kbira tagħhom* mhumiex sostenibbli, filwaqt li qed *naffaċċaw* il-piż doppju tal-malnutrizzjoni, ikkaratterizzat mill-koeżistenza tan-nuqqas ta' nutrizzjoni u l-obeżità. Is-sistemi alimentari futuri jridu jipprovdu ikel sikur, san u ta' kwalità *suffiċjenti* għal kulħadd, u *li* jkunu *msejsin* fuq l-użu effiċjenti tar-riżorsi, is-sostenibbiltà (inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet GHG, *it-tniġġis u l-produzzjoni* tal-iskart), *il-konnessjoni* bejn l-art u *l-baħar, inqas ħela ta' ikel*, it-titjib tal-produzzjoni tal-ikel mill-ibħra u l-oċeani u *li jinkludi l-"katina* tal-valur alimentari" kollha mill-produtturi sal-konsumaturi, u lura. Dan irid jimxi id f'id mal-iżvilupp tas-sistema tas-sikurezza

Emenda

L-effetti kkombinati taż-żieda fil-popolazzjoni, l-iskarsezza u l-isfruttament *żejjed tar-riżorsi*, id-degradazzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima u l-migrazzjoni joħolqu sfidi bla preċedent li jirrikjedu t-trasformazzjoni tas-sistema alimentari (FOOD 2030).²⁰ *B'mod speċjali, is-sigurtà tal-ikel u l-produzzjoni sostenibbli tal-proteini huma sfida globali li għaliha jridu jinstabu soluzzjonijiet. Sa ċertu punt, ix-xejriet* attwali *tal-produzzjoni u l-konsum tal-ikel* mhumiex sostenibbli, filwaqt li qed *niffaċċaw* il-piż doppju tal-malnutrizzjoni, ikkaratterizzat mill-koeżistenza tan-nuqqas ta' nutrizzjoni u l-obeżità. Is-sistemi alimentari futuri jridu *jkunu reżiljenti u jimmiraw lejn in-newtralità f'dawk li huma emissjonijiet tal-karbonju u* jipprovdu ikel *li jkun* sikur, *divers, affordabbli*, san u ta' kwalità *li jkun biżżejjed* għal kulħadd, u jkunu *msejsa* fuq l-użu effiċjenti tar-riżorsi, is-sostenibbiltà *ekonomika u ambjentali* (inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet GHG, *tat-tniġġis u tal-produzzjoni* tal-iskart), *ir-rabta* bejn l-art u

alimentari tal-futur u d-disinn, l-iżvilupp u t-twassil tal-ġhodod, it-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet diġitali li jipprovdu benefiċċji sinifikanti **għall-konsumaturi** u jtejbu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-katina tal-valur alimentari. Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa li jitrawwmu bidliet fl-imġiba fil-konsum tal-ikel u fit-tendenzi tal-produzzjoni kif ukoll biex jiġu involuti l-produtturi primarji, l-industrija (inkluż SMEs), il-bejjiegħa bl-imnut, is-setturi tas-servizzi alimentari, il-konsumaturi u s-servizzi pubbliċi. **Linji Mifruxa**

l-ambjenti akkwatiċi, it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u r-riċiklaġġ tal-iskart tal-ikel, it-titjib tal-produzzjoni tal-ikel mill-ibħra u l-oċeani u ***jħaddnu fihom il-"katina tal-valur alimentari"*** kollha mill-produtturi sal-konsumaturi – u lura. Dan irid jimxi id f'id mal-iżvilupp tas-sistema tas-sikurezza alimentari tal-futur u d-disinn, l-iżvilupp u t-twassil tal-ġhodod, it-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet diġitali li jipprovdu benefiċċji sinifikanti ***għall-atturi kollha fil-katina tal-ikel*** u jtejbu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-katina tal-valur alimentari. ***It-teknoloġiji agrikoli jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet sostenibbli fis-sistemi kollha tal-biedja***. Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa li jitrawwmu bidliet fl-imġiba fil-konsum tal-ikel u fit-tendenzi tal-produzzjoni ***lejn dieti nutrittivi u sani*** kif ukoll biex jiġu involuti l-produtturi primarji, l-industrija (inkluż SMEs), il-bejjiegħa bl-imnut, is-setturi tas-servizzi alimentari, il-konsumaturi u s-servizzi pubbliċi.

Linji Mifruxa

²⁰ SWD(2016) 319 final: Ricerca u Innovazzjoni Ewropea għas-Sigurtà Alimentari u Nutrizzjonali

²⁰ SWD(2016) 319 final: Ricerca u Innovazzjoni Ewropea għas-Sigurtà Alimentari u Nutrizzjonali

Emenda 70

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– L-imġiba, l-istil ta' ħajja u l-motivazzjonijiet tal-konsumaturi, il-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali u l-involviment tas-soċjetà għal saħħa u ***sostenibbiltà ambjentali*** aħjar tul il-katina tal-valur alimentari kollha;

Emenda

– L-imġiba, l-istil ta' ħajja u l-motivazzjonijiet tal-konsumaturi, il-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali u l-involviment tas-soċjetà għal saħħa, ***sostenibbiltà ambjentali*** u ***bennesseri tal-annimali*** aħjar tul il-katina tal-valur alimentari kollha;

Emenda 71

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– Is-sikurezza alimentari moderna u s-sistemi ta' awtentiċità, it-titjib tal-fiduċja tal-konsumaturi fis-sistema alimentari;

Emenda

– Is-sikurezza alimentari moderna u s-sistemi ta' awtentiċità, it-titjib tal-fiduċja tal-konsumaturi fis-sistema alimentari, ***inklużi t-teknoloġiji li jgħinu fit-traċċabbiltà u fit-tikkettar nadif tal-prodotti;***

Ġustifikazzjoni

It-tikkettar u t-traċċabbiltà tal-prodotti sostenibbli huma estremament importanti għall-konsumaturi biex isiru jafu liema prodotti huma attwalment sostenibbli.

Emenda 72

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– ***Il-mitigazzjoni*** tat-tibdil fil-klima fuq is-sistema alimentari u l-adattament għal dan il-fenomeni, inkluż l-esplorazzjoni tal-potenzjal u l-użu tal-microbijoma, għalla minsija, u ***proteini alternattivi;***

Emenda

– ***Ir-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, il-mitigazzjoni*** tat-tibdil fil-klima fuq is-sistema alimentari u l-adattament għal dan il-fenomeni, inkluż l-esplorazzjoni tal-potenzjal u l-użu tal-microbijoma, għalla minsija, ***proteini alternattivi, modi u teknoloġiji ġodda għall-produzzjoni tal-ikel;***

Ġustifikazzjoni

Jeħtiġilna ninvestu f'innovazzjonijiet li jipprovdulna modi ġoddi għall-produzzjoni tal-ikel b'mod sostenibbli sabiex aħna nkunu nistgħu naffaċċjaw l-isfidi li għandha l-produzzjoni tal-ikel tal-UE, bħat-tibdil fil-klima.

Emenda 73

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

– Sistemi alimentari ambjentalment sostenibbli, ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi **mill-baħar u l-art**, lejn it-tmiem **tal-ħela** tal-ikel tul is-sistema alimentari kollha, permezz **ta' użu** mill-ġdid tal-ikel u l-bijomassa, ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-ikel, imballaġġ ġdid tal-ikel, id-domanda għal ikel maħsub apposta u ikel lokali;

Emenda

– Sistemi alimentari ambjentalment, **soċjalment u ekonomikament** sostenibbli, ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi **mill-art u mill-ambjenti akkwatiċi li jqisu l-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema**, lejn it-tmiem **għalkollox tal-iskart** tal-ikel tul is-sistema alimentari kollha, permezz **tal-użu** mill-ġdid tal-ikel u l-bijomassa, **inklużi l-kurrenti laterali tal-produzzjoni**, ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-ikel, imballaġġ ġdid tal-ikel, id-domanda għal ikel maħsub apposta u ikel lokali;

Ġustifikazzjoni

L-istima tas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel tibbaża fuq aspetti ambjentali, soċjali u ekonomiċi u dawn kollha jridu jitqiesu.

Emenda 74

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- ***l-iżvilupp ta' sistemi ta' ċirkolazzjoni magħluqa, li jikkombinaw il-produzzjoni tal-ikel u tal-enerġija kif ukoll ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, l-ilma, is-sħana u s-CO₂ lura fil-produzzjoni;***

Emenda

Ġustifikazzjoni

Id-diskussjoni dwar l-ekonomija ċirkolari jenħtieġ li tiġi diretta lejn l-ekonomija bijoċirkolari fejn il-matejrali, l-enerġija u l-iskart kollha jiċċirkolaw filwaqt li ma jħallulna l-ebda skart.

Emenda 75

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni

– Sistemi ta' innovazzjoni u alimentari għall-innovazzjoni bbażata fuq il-post u ***t-tisħiħ*** tal-pożizzjoni tal-komunitajiet, it-trawwim ta' ***kummerċ*** u ***prezzar*** ġusti, l-inklużività u s-sostenibbiltà ***permezz ta' sħubiji*** bejn l-industrija, l-awtoritajiet lokali, ir-riċerkaturi u s-soċjetà.

Emenda

– Sistemi ta' innovazzjoni u alimentari għall-innovazzjoni bbażata fuq il-post u ***għat-tisħiħ*** tal-pożizzjoni tal-komunitajiet, it-trawwim ta' ***ktajjen tal-ikel ġusti permezz tal-kummerċ*** u ***l-ipprezzar*** ġusti, l-inklużività u s-sostenibbiltà, ***il-promozzjoni tas-sħubijiet fost id-diversi atturi tal-katina tal-ikel*** u bejn ***il-produzzjoni primarja***, l-industrija, l-awtoritajiet lokali, ir-riċerkaturi u s-soċjetà.

Ġustifikazzjoni

Il-produzzjoni primarja hija settur ewlieni fis-sistemi tal-ikel.

Emenda 76

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***L-indirizzar tal-erba' sfidi ċentrali tas-sostenibbiltà, il-produzzjoni, in-nutrizzjoni u t-tkabbir ekonomiku f'livell globali permezz ta' Infrastruttura ta' Żvilupp Sostenibbli għall-Ikel Agrikolu iddedikata. L-ekonomiji futuri se jinbnew, mhux fuq ir-riżorsi fiżiċi tal-imgħoddi, iżda fuq il-flussi tad-data, l-għarfien u l-kollaborazzjoni.***

L-objettiv tal-Infrastruttura ta' Żvilupp Sostenibbli għall-Ikel Agrikolu se jkun li:

i) tippermetti lill-UE u lill-Pajjiżi Inqas Żviluppanti (LDCs) jiżviluppaw futur kondiviż ibbażat fuq l-iżvilupp sostenibbli;

ii) tiffaċilita l-kollaborazzjoni li ġġib flimkien l-għarfien, il-kapaċità u l-infrastruttura sabiex jiġu appoġġati l-azzjonijiet fuq iż-żewġ naħat

iii) tissodisfa l-ħtiġijiet lokali u reġjonali, b'tali mod li tippermetti l-kondiviżjoni tal-għarfien bażiku tul netwerk ta'

*istituzzjonijiet li jipparteċipaw fl-
Infrastruttura ta' Żvilupp Sostenibbli
għall-Ikel Agrikolu fi ħdan l-Ewropa.
Dan in-netwerk konness se jkun l-ixprun
tal-kompetittività Ewropea li tkun
għaddejja fis-settur agroalimentari
kruċjali.*

*iv) tiżviluppa sinerġiji mal-Istrument tal-
UE għall-Viċinat, l-Iżvilupp u l-
Kooperazzjoni Internazzjonali (2021-27)
skont ir-regoli ta' Orizzont Ewropa.*

Emenda 77

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2.6. – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika tnejji l-pedament għat-tranżizzjoni lil hinn minn ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili billi tinkludi *sorsi* sostenibbli, l-ipproċessar industrijali u l-konverżjoni tal-bijomassa *mill-baħar* u *l-art* f'materjali u prodotti b'bażi bijoloġika. Din tikkapitalizza wkoll fuq il-potenzjal tar-riżorsi ħajjin, ix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija industrijali għal skoperti, prodotti u proċessi ġodda. L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika, inkluż it-teknoloġiji, tista' ġġib attivitajiet ekonomiċi ġodda u impjiegi fir-reġjuni u l-bliet, tikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji rurali u kostali u ssaħħaħ iċ-ċirkolarità tal-bijoekonomija.

Emenda

L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika tnejji l-pedament għat-tranżizzjoni lil hinn minn ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili billi tinkludi *l-issorsjar* sostenibbli, l-ipproċessar industrijali *marbut mar-riċerka dwar il-produzzjoni primarja* u l-konverżjoni tal-bijomassa *mill-art* u *l-ambjenti akkwatiċi* f'materjali u prodotti b'bażi bijoloġika. Din tikkapitalizza wkoll fuq il-potenzjal tar-riżorsi ħajjin, ix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija industrijali *u agrikola* għal skoperti, prodotti u proċessi ġodda. L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika, inkluż it-teknoloġiji, tista' ġġib attivitajiet ekonomiċi ġodda u impjiegi fir-reġjuni u l-bliet, tikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji rurali u kostali u ssaħħaħ iċ-ċirkolarità tal-bijoekonomija *u b'hekk twettaq it-tranżizzjoni lejn soċjetà b'livell baxx ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.*

Emenda 78

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– L-issorsjar tal-bijomassa u sistemi tal-produzzjoni sostenibbli, li jiffukaw fuq applikazzjonijiet u użi ta' valur għoli, **sostenibbiltà** soċjali u **ambjentali**, l-impatt fuq il-miri ta' tnaqqis **klimatiċi** u **tal-bijodiversità effiċjenza** fl-użu tar-riżorsi b'mod ġenerali;

Emenda

– L-issorsjar tal-bijomassa u sistemi tal-produzzjoni sostenibbli, li jiffukaw fuq applikazzjonijiet u użi ta' valur għoli, **is-sostenibbiltà** soċjali, **ambjentali** u **ekonomiku**, l-impatt fuq il-miri ta' tnaqqis **fir-rigward tal-klima** u **l-bijodiversità u l-effiċjenza** fl-użu tar-riżorsi b'mod ġenerali;

Ġustifikazzjoni

Fl-istima tas-sostenibbiltà tal-issorsjar tal-bijomassa u tas-sistemi tal-produzzjoni, iridu jitqiesu aspetti ambjentali, soċjali u ekonomiċi.

Emenda 79

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

– L-issorsjar tal-bijomassa u sistemi tal-produzzjoni sostenibbli, li jiffukaw fuq applikazzjonijiet u użi ta' valur għoli, **sostenibbiltà** soċjali u **ambjentali**, l-impatt fuq il-miri ta' tnaqqis **klimatiċi** u **tal-bijodiversità effiċjenza** fl-użu tar-riżorsi b'mod ġenerali;

Emenda

- **Għarfien akbar tal-fatturi li jixprunaw l-assorbiment ta' prodotti b'bażi bijoloġika u tal-ostakli għal tali assorbiment permezz ta' riċerka dwar l-immarrkar CE, l-ittikkettar, l-applikazzjoni tal-istandards, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, l-akkwist pubbliku u l-attivitajiet regolatorji, inkluż minn perspettiva globali tal-kompetizzjoni.**

Ġustifikazzjoni

Se jkun importanti li s-settur b'bażi bijoloġika jkollu bażi xjentifika għall-inċentivi u l-ostakli sabiex jinfetħ il-potenzjal sħiħ ta' dan is-settur emerġenti, b'mod partikolari fir-rigward tar-regolamentazzjoni u l-leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 80

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– Ktajjen tal-valur b'bażi bijoloġika, materjali, inkluż materjali, prodotti u proċessi bijoinspirati li għandhom kwalitajiet, funzjonalitajiet u sostenibbiltà mtejba ġodda (inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra), li jrawmu l-iżvilupp ta' bijoraffineriji avvanzati li jużaw firxa usa' ta' bijomassa;

Emenda

– Ktajjen tal-valur b'bażi bijoloġika, materjali, inkluż materjali, prodotti u proċessi bijoinspirati li għandhom kwalitajiet, funzjonalitajiet u sostenibbiltà mtejba ġodda (inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra), li jrawmu l-iżvilupp ta' bijoraffineriji avvanzati li jużaw firxa usa' ta' bijomassa ***inkluż il-bijoskart kif ukoll l-iskart industrijali u l-kurrenti laterali u jenħtieġ li jiġu żviluppati teknoloġiji avvanzati għad-dekostruzzjoni tal-bijomassa li għandhom jiġu utilizzati bis-sħiħ***; ;

Ġustifikazzjoni

F'ekonomija bijoċirkolari, anke l-bijoskart, l-iskart industrijali u l-kurrenti laterali jiġu riċiklati.

Emenda 81

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-bijoteknoloġija, inkluż bijoteknoloġija transsettorjali mill-aktar avvanzata, għall-applikazzjoni fi proċessi industrijali, servizzi ambjentali u prodotti għall-konsumaturi kompetittivi, sostenibbli u ġodda²¹ ;

²¹ L-applikazzjonijiet bijoteknoloġiċi tas-saħħa se jiġu indirizzati mir-Raggruppament tas-Saħħa skont dan il-pilastru.

Emenda

– Il-bijoteknoloġija, inkluż bijoteknoloġija transsettorjali mill-aktar avvanzata, għall-applikazzjoni fi proċessi industrijali ***u agrikoli***, servizzi ambjentali u prodotti għall-konsumaturi kompetittivi, sostenibbli u ġodda²¹ ;

²¹ L-applikazzjonijiet bijoteknoloġiċi tas-saħħa se jiġu indirizzati mir-Raggruppament tas-Saħħa skont dan il-pilastru.

Emenda 82

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– Iċ-ċirkolarità tal-ekonomija b'bażi bijoloġika permezz tal-innovazzjoni teknoloġija, sistemika, soċjali u tal-mudell tan-negozju sabiex jiżdied b'mod radikali l-valur iġġenerat għal kull unità ta' riżorsi bijoloġiċi, filwaqt li l-valur ta' tali riżorsi jinżamm fl-ekonomija għal aktar żmien u ***jiġi appoġġat il-prinċipju*** tal-użu kaskata tal-bijomassa sostenibbli permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni;

Emenda

– Iċ-ċirkolarità tal-ekonomija b'bażi bijoloġika permezz tal-innovazzjoni teknoloġija, sistemika, soċjali u tal-mudell tan-negozju sabiex jiżdied b'mod radikali l-valur iġġenerat għal kull unità ta' riżorsi bijoloġiċi, filwaqt li l-valur ta' tali riżorsi jinżamm fl-ekonomija għal aktar żmien u ***jiġu appoġġati s-sostituzzjoni tal-materjali mhux rinnovabbli u l-prinċipju*** tal-użu kaskata tal-bijomassa sostenibbli ***u l-innovazzjoni ta' prodotti ġodda b'bażi bijoloġika*** permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni;

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni tal-materjali mhux rinnovabbli jenħtieġ li tkun waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-innovazzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari.

Emenda 83

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

– Xejriet ta' bijoekonomija inklużivi b'atturi differenti li jipparteċipaw fil-ħolqien tal-valur, filwaqt li jiġi mmassimizzat l-impatt tas-soċjetà.

Emenda

– Xejriet ta' bijoekonomija inklużivi b'atturi differenti li jipparteċipaw fil-ħolqien tal-valur, filwaqt li jiġi mmassimizzat l-impatt tas-soċjetà, ***ekonomiku u xjentifiku.***

Ġustifikazzjoni

Fl-istima tal-valur tax-xejriet, jenħtieġ li aħna nqisu wkoll l-impatti ekonomiċi u xjentifiċi.

Emenda 84

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni

– Iktar fehim tal-konfini tal-ekonomija b'bażi bijoloġika u ***s-sinerġiji*** tagħha u l-kompromessi ma' ambjent san.

Emenda

– Iktar fehim ***tal-possibiltajiet u*** tal-konfini tal-ekonomija b'bażi bijoloġika u ***l-benefiċċji, is-sinerġiji*** tagħha u l-kompromessi ma' ambjent san.

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li l-ekonomija b'bażi bijoloġika jaf għad għandha xi konfini, din toffri possibiltajiet u benefiċċji kbar jekk ikun hemm biss biżżejjed appoġġ finanzjarju għall-innovazzjonijiet u r-riċerka.

Emenda 85

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Għandhom jiġu żviluppati prodotti tal-injam mastizz immexxija mid-disinn (interni, fil-kostruzzjoni bl-injam, materjali ibridi) minħabba li huma bjarneffiċjenti tal-karbonju.***

Emenda 86

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Ktajjen tal-valur b'bażi bijoloġika għall-industrija tal-manifattura u tal-fabbrikazzjoni inklużi kunċetti u prodotti ġodda li jutilizzaw materjali multipli u li għandhom diversi funzjonijiet;***

Ġustifikazzjoni

Fl-ekonomija bijoċirkolari, il-multifunzjonalità trid tiġi inkluża.

Emenda 87

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Is-sistemi tal-produzzjoni u l-konsum ċirkolari se jipprovdu benefiċċji għall-ekonomija Ewropea billi jnaqqsu d-dipendenza fuq ir-riżorsi u jżidu l-kompetittività tal-intrapriżi, u għaċ-ċittadini Ewropej billi joħolqu opportunitajiet ta' impjiegi ġodda u jnaqqsu l-pressjonijiet minn fuq l-ambjent u l-klima. Lil hinn mit-trasformazzjoni industrijali, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u ċirkolari, se tkun teħtieġ ukoll tranżizzjoni tas-sistema usa' li tirrikjedi soluzzjonijiet ekoinnovattivi sistemiċi, mudelli tan-negozju, swieq u investimenti ġodda, infrastruttura ta' ffaċilitar, bidliet ta' innovazzjoni soċjali fl-imġiba tal-konsumaturi, u mudelli ta' governanza li jstimolaw il-kollaborazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati sabiex jiġi żgurat li l-bidla fis-sistema maħsuba twassal għal eżiti ekonomiċi, ambjentali u soċjali aħjar²². Il-ftuħ ta' kooperazzjoni internazzjonali se jkun importanti għall-komparabbiltà, il-ġenerazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-evita tad-dupplikazzjoni tal-isforzi, eż. permezz ta' inizjattivi internazzjonali bħall-Panel Internazzjonali tar-Riżorsi.

²² L-attivitajiet fil-Qasam ta' Intervent tas-Sistemi Ċirkolari huma kumplimentari għal dawk tal-Emissjonijiet Baxxi tal-Karbonju u l-Industrija Nadifa fir-raggruppament tas-Settur Diġitali u l-Industrija.

Emenda

Is-sistemi tal-produzzjoni u l-konsum ċirkolari se jipprovdu benefiċċji għall-ekonomija Ewropea billi jnaqqsu d-dipendenza fuq ir-riżorsi u jżidu l-kompetittività tal-intrapriżi, u għaċ-ċittadini Ewropej billi joħolqu opportunitajiet ta' impjiegi ġodda u jnaqqsu l-pressjonijiet minn fuq l-ambjent u l-klima. Lil hinn mit-trasformazzjoni industrijali, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u ċirkolari, se tkun teħtieġ ukoll tranżizzjoni tas-sistema usa' li tirrikjedi soluzzjonijiet ekoinnovattivi sistemiċi, ***l-ekodisinn***, mudelli tan-negozju, swieq u investimenti ġodda, infrastruttura ta' ffaċilitar, bidliet ta' innovazzjoni soċjali fl-imġiba tal-konsumaturi, u mudelli ta' governanza li jstimolaw il-kollaborazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati sabiex jiġi żgurat li l-bidla fis-sistema maħsuba twassal għal eżiti ekonomiċi, ambjentali u soċjali aħjar²², ***pereżempju sistemi tal-ikel sostenibbli u nutrittivi relatati, għajxien u djar sostenibbli u sani, u soluzzjonijiet tal-enerġija, u materjali u prodotti sostenibbli*** ġodda. Il-ftuħ ta' kooperazzjoni internazzjonali se jkun importanti għall-komparabbiltà, il-ġenerazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-evita tad-dupplikazzjoni tal-isforzi, eż. permezz ta' inizjattivi internazzjonali bħall-Panel Internazzjonali tar-Riżorsi.

²² L-attivitajiet fil-Qasam ta' Intervent tas-Sistemi Ċirkolari huma kumplimentari għal dawk tal-Emissjonijiet Baxxi tal-Karbonju u l-Industrija Nadifa fir-raggruppament tas-Settur Diġitali u l-Industrija.

Emenda 88

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Metriċi u indikaturi għall-kejl tal-ekonomija ċirkolari u l-prestazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja; sistemi ta' governanza li jaċċelleraw l-espansjoni tal-ekonomija ċirkolari u l-effiċjenza fir-riżorsi filwaqt li joħolqu s-swieq għall-materjali sekondarji; kollaborazzjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati u tal-katina ta' oqsma tal-valur differenti; strumenti għall-investment fl-ekonomija ċirkolari;

Emenda

– Metriċi u indikaturi għall-kejl tal-ekonomija ċirkolari, ***l-impatt tagħha fuq l-SDGs***, u l-prestazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja; sistemi ta' governanza li jaċċelleraw l-espansjoni tal-ekonomija ċirkolari u l-effiċjenza fir-riżorsi filwaqt li joħolqu s-swieq għall-materjali sekondarji; kollaborazzjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati u tal-katina ta' oqsma tal-valur differenti; strumenti għall-investment fl-ekonomija ċirkolari;

Emenda 89

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– L-użu ċirkolari tar-riżorsi tal-ilma, inkluż it-tnaqqis fid-domanda tal-ilma, il-prevenzjoni tat-telf tal-ilma, l-użu mill-ġdid tal-ilma, ir-riċiklaġġ u l-valorizzazzjoni tal-ilma mormi u mudelli ta' governanza għall-allokazzjoni intelliġenti tal-ilma, filwaqt li jiġu indirizzati s-sorsi tat-tniġġis u indirizzati pressjonijiet oħrajn fuq ir-riżorsi tal-ilma.

Emenda

– L-użu ċirkolari tar-riżorsi tal-ilma, inkluż it-tnaqqis fid-domanda tal-ilma ***speċjalment fiż-żoni li jsofru minn nuqqas ta' ilma***, il-prevenzjoni tat-telf tal-ilma, l-użu mill-ġdid tal-ilma, ir-riċiklaġġ u l-valorizzazzjoni tal-ilma mormi, ***iċ-ċirkolazzjoni intelliġenti tan-nutrijenti*** u mudelli ta' governanza għall-allokazzjoni intelliġenti tal-ilma, filwaqt li jiġu indirizzati s-sorsi tat-tniġġis u indirizzati pressjonijiet oħrajn fuq ir-riżorsi tal-ilma.

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċirkolazzjoni tan-nutrijenti hija kwistjoni ewlenija fl-ekonomija ċirkolari.

Emenda 90

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 5 – inċiż 6a

(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Metodi għall-valutazzjoni ta' sustanzi li jokkorru b'mod naturali bħala prodotti għall-kura tas-saħħa tal-pjanti;***

PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
Referenzi	COM(2018)0436 – C8-0253/2018 – 2018/0225(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 14.6.2018
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 5.7.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Elsi Katainen 3.7.2018
Data tal-adozzjoni	22.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 –: 4 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Daniel Buda, Nicola Caputo, Matt Carthy, Paolo De Castro, Albert Deß, Diane Dodds, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Esther Herranz García, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Norbert Lins, Philippe Loiseau, Nuno Melo, Giulia Moi, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Bronis Ropė, Maria Lidia Senra Rodríguez, Ricardo Serrão Santos, Czesław Adam Siekierski, Marc Tarabella, Maria Gabriela Zoană, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Franz Bogovič, Elsi Katainen, Anthea McIntyre, Momchil Nekov, Sofia Ribeiro, Molly Scott Cato
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	John Flack

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

33	+
ALDE	Elsi Katainen
ECR	Jørn Dohrmann, John Flack, Zbigniew Kuźmiuk, Anthea McIntyre, James Nicholson
EFDD	Giulia Moi, Marco Zullo
ENF	Philippe Loiseau
GUE/NGL	Matt Carthy, Luke Ming Flanagan
PPE	Franc Bogovič, Daniel Buda, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Esther Herranz García, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Nuno Melo, Marijana Petir, Sofia Ribeiro, Czesław Adam Siekierski
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Karine Gloanec Maurin, Karin Kadenbach, Momchil Nekov, Maria Noichl, Marc Tarabella

4	-
EFDD	John Stuart Agnew
GUE/NGL	Anja Hazekamp
Verts/ALE	Martin Häusling, Bronis Ropè

2	0
GUE/NGL	Maria Lidia Senra Rodríguez
S&D	Ricardo Serrão Santos

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni